# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru**

**Numru 28**

**Rikors numru 716/11 AF**

**L-Arkitett Raymond Vassallo, fil-kwalita` tieghu ta' azzjonist ta' Parade Limited, C-4082 u fil-kwalita` tieghu ta' direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Parade Limited, u martu Mariella Vassallo, ghal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**Anthony Parlato Trigona u Ingrid Parlato Trigona, mizewgin, Perit Edward Micallef u Anna Micallef, mizzewgin, Perit William Carbonaro u Gabriella Carbonaro, mizzewgin, u Parade Limited u Windsor Holdings Limited**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mill-intimati kollha, minn sentenza preliminari [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

fis-26 ta' Mejju 2015, li permezz taghha dik il-Qorti [1] cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konjugi Carbonaro sabiex jinhelsu mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-azzjoni derivattiva hekk kif proposta mill-atturi mhijiex permessa jew azzjonabbli skont il-ligi socjali Maltija, kif ukoll [2] cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konjugi Parlato Trigona li permezz taghhom gie eccepit illi (a) il-kawza kif proposta hija legalment insostenibbli, improponibbli u tikser id-dettami tassattivi tal-Artikolu 161(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu r-rikors guramentat huwa *ex admissis* maghmul minn zewg azzjonijiet derivattivi distinti, kif ukoll (b) in kwantu trattasi ta' *"derivative action"* fid-dritt soċjetarju nostran din ma titressaqx ghan-nom u in rapprezentanza ta' hadd, izda f'isem l-attur individwalment, li dejjem u f'kull waqt jagixxi f'ismu proprju biss.

Mertu

2. F'dawn il-proceduri, l-atturi permezz ta' azzjoni minnhom stess dikjarata bhala wahda derivattiva, qeghdin jitolbu lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom solidalment ikkawzaw danni, jew telf patrimonjali inkluz telf ta' qliegh lis-socjeta` Parade Limited u lis-socjeta` sussidjarja taghha Windsor Holdings Limited bir-responsabbilita`, fil-mizura u fl-ammonti li ghandhom jigu determinati mill-Qorti, kif ukoll sabiex tillikwida d-danni u t-telf patrimonjali hekk

kawzati, u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom solidalment ihallsu d-danni u t-telf hekk kawzat.

Is-Sentenza Appellata

3. Peress li, is-sentenza tikkontjeni l-fatti li taw lok ghal din il-kawza, l-eccezzjonijiet sollevati mid-diversi intimati, u l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti, is-sentenza ser tigi riprodotta fl-intier taghha;

> "Rat ir-rikors guramentat imressaq mill-Arkitett Raymond Vassallo f'ismu proprju fil-kwalità tieghu ta' azzjonist ta' Parade Limited, C-4082 u fil-kwalità tieghu ta' direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Parade Limited, u martu Mariella Vassallo, C-2649 (M) ghal kull interess li jista' jkollha li permezz tieghu wara li ppremetta:
>
> "1. ILLI l-esponenti qed jesercitaw l-azzjoni derivativa (*derivative action*) klassika maghrufa fil-*Company Law* Ingliza, u accettata mil-ligi nostrali; essenzjalment, il-lanjanza generali tal-atturi, konjugi Vassallo, hija illi qed isiru abbuzi fil-kumpanija Parade Limited mid-Diretturi jew xi whud minnhom, u passi fl-interess tal-kumpanija mhux qedin jittiehdu. Minflok, l-assi tal-kumpanija qed jigu dissipati permezz ta' sfruttament, frodi u traskuragni grossa anki fir-rigward tas-socjeta sussidjarja Windsor Holdings Ltd fejn is-socjeta Parade limited ghandha 50% tal-ishma u fejn jirrisjedi l-parti kbira tal-patrimonju taghha.
>
> "2. ILLI l-esponent Raymond Vassallo huwa azzjonist ta' hamsin fil-mija (50) % ta' l-azzjonijiet fil-kumpanija Parade Limited; L-azzjonijiet l-ohra huma detenuti minn Anthony Parlato Trigona; l-esponenti Raymond Vassallo u Parlato Trigona huma l-unici zewg diretturi fil-kumpanija. L-isfond ghalhekk ta' din il-lanjanza hija t-tmexxija tal-kumpanija Parade Limited: l-ewwel punt huwa l-fatt illi minkejja t-talbiet ripetuti ta' l-esponenti, ghal zmien issa ta' sentejn u nofs, ebda meeting tal-Bord tad-Diretturi jew *annual general meeting* ma ssejjah mis-Segretarju tal-Bord Anthony Parlato Trigona. Din il-lanjanza, issa riformulata fil-kuntest ta' dan ir-Rikors, tqajjmet fir-Rikors 63/11 JZM , fejn hemm kawzali u talbiet pero' diversi, u fejn ghal ragunijiet ta' procedura l-istess Anthony Parlato Trigona u ibnu Michael issejhu bhala intimati flimkien mas-socjeta' Parade Limited.

"3.) (i) ILLI bhala azzjonist f'Parade Limited, l-esponenti qed jagixxi sabiex jipprotegi l-interessi ta' Parade Limited u jikkonserva l-patrimonju mill-abbuz ta' Anthony Parlato Trigona, li f'kuncert ma' ohrajn, qieghed u ilu zmien jabbuza u jikkawza danni lis-socjeta bhala d-direttur l-iehor tal-Bord u bhala l-azzjonist l-iehor, u dan ghall-gwadann tieghu personali emanenti minn konflitt ta' nteress manifest, kif ser jigi ippruvat. Huwa ovvju illi fil-Bord ma tistax tingieb il-maggoranza rikjesta ghal kull azzjoni intiza ghall-protezzjoni ta' l-interessi tal-kumpanija minghajr l-appogg ta' Parlato Trigona. Huwa daqsekk iehor ovvju illi ragonevolment wiehed ma jistax jistenna l-appogg ta' Parlato Trigona minhabba l-konflitti ta' interess illi jivvizjaw il-posizzjoni tieghu u ghaliex f'assocjazzjoni ma' ohrajn, kien proprju wiehed mill-persuni responsabbli ghall-abbuzi, atti u ommissjonijiet ta' traskuragni, frodi mill-kumpanija,– dan kollu ghad-detriment ta' Parade Limited. Dawn l-abbuzi, atti ta' traskuragni, u frodi gew perpetrat minn Parlato Trigona in kolluzjoni mal-Perit William Carbonaro, kif ukoll mal-Perit Edward Micallef bhala debitur ta' Windsor Holdings Limited, kif ser jigi spjegat. L-istess Windsor Holdings Limited tinsab manifestament taht il-kontroll ta' Parlato Trigona u l-Perit Carbonaro: dawn agixxew flimkien u f'kuncert mal-perit Edward Micallef ghad-detriment ta' Parade Limited u tal-kumpanija sussidjarja taghha Windsor Holdings Ltd. Huwa ghalhekk skond il-prassi accettata li anki l-Perit Carbonaro, u il-Perit Micallef jissejhu bhala intimati, flimkien mal-kumpanija Windsor Holdings Limited, abbazi tal-involviment u tal-partecipazzjoni taghhom fl-abbuzi riferiti. Parade Limited qeghda tissejjah ukoll minhabba raguni ta' procedura.

"4. ILLI l-lanjanza principali li qed tohrog minn dan ir-Rikors hija konsegwenti ghal decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fir-Rikors 842/09 JZM fl-ismijiet "Raymond Vassallo v Anthony Parlato Trigona et", kopja anness ma' dan ir-Rikors; l-isfond fattwali huwa car, kien intalab rimedju kontra Parade Limited u anke kontra is-sussidjarja taghha Windsor Holdings Limited that l-artikolu 402 tal-Company Act.[1] Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi filwaqt illi l-Arkitett Vassallo kellu dritt u interess li jitlob ir-rimedju f'Parade Limited billi huwa membru taghha, izda *qua* azzjonist f'Parade Limited ma setax jistitwixxi azzjoni that l-Artikolu 402 tal-*Company Act* fir-rigward ta' Windsor Holdings Limited billi l-interess tieghu f'din is-socjeta ma kienx ta' membru dirett izda indirett bhala *second tier*; illi ghalhekk huwa issa qed jagixxi bhala azzjonist ta' Parade Limited. Dan il-*locus standi per se* huwa sufficjenti biex ir-rikorrent Vassallo jaghmel l-azzjoni derivattiva presenti u biex isejjah lil partijiet l-ohra bhala intimati abbazi tal-kolluzzoni taghhom ma Anthony Parlato Trigona kif ser jigi ppruvat.

"5. ILLI ghal kull bwon fini, ir-rikorrent Arkitett Vassallo qed jidher mhux biss bhala azzjonist tas-socjeta Parade Limited, izda qed jidher ukoll f'isem u in rapprezentanza tal–istess socjeta Parade Limited;

[1] A skans ta' ripetizzjoni, Parade Limited ghandha nofs l-azzjonijiet fil-kumpanija Regent Holdings Limited, filwaqt illi n-nofs l-iehor huwa detenut minn kumpanija Dryad Limited, kumpanija tal-familja tal-Perit Carbonaro.

dan qed isir abbazi ta' poteri ta' rapprezentanza tal-kumpanija qua direttur: huwa ghandu wkoll ir-rapprezentanza gudizzjarja ta' Parade Limited, soggetta pero' ghas-sanzjoni, qabel jew wara, tal-Bord, li f'dan il-kaz ghad ma ghandux; din l-azzjoni kienet ukoll necessitata mill-istess konflitt ta' interess fondamentali li ghandu d-direttur l-iehor fil-kumpanija Parade Limited, Anthony Parlato Trigona, kif gia spjegat; ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-onorabbli Qorti biex tissanzjona dan it-tieni *locus standi*, cio'e bhala direttur u rapprezentant gudizzjarju ta' Parade Limited, u f-isem din is-socjeta billi dan huwa mod gust, xieraq u mehtieg, biex ikunu jistghu jittiehdu passi intizi ghall-protezzjoni tas-socjeta Parade Limited, fid-dawl ta' imblukkar ingust mill-*veto* mistenni mill-intimat Parlato Trigona. Fl-istess hin, u fi spirtu ta' reciprocita jekk ikun il-kas, ir-rikorrent ikun ippreparat jaccetta li l-avukati difensuri tas-socjetajiet intimati, Parade Limited u Windsor Holdings Limited, jidhru bhala tali, minkejja li l-hatra taghhom ma tkunx giet approvata formalment f'xi laqghat tal-Bordijiet rispettivi.

"6. ILLI ghalhekk, wara li l-Qorti ta' l-Appell iddecidiet illi ir-rikorrent Raymond Vassallo ma setax jagixxi a tenur tal-art 402 tal-Companies Act fejn bhala azzjonist f'Parade jitlob rimedju f'Windsor, precizament ghaliex il-Qorti ma ammettietx second tier shareholding, qed tigi issa esercitata din l-azzjoni derivativa. Dan ifisser illi ir-rikorrenti Raymond Vassallo, fil-kwalitajiet kollha premessi, qed jippremetti, u naturalment jiehu fuqu l-oneru li jipprova dak li jallega, illi minhabba nuqqasijiet tad-Direttur l-iehor Parlato Trigona, Parade qed tonqos milli tagixxi kontra nuqqasijiet kemm fil-maneggar taghha stess, izda anki fil-maneggar tas-socjeta sussidjarja taghha, Windsor Holdings Limited, u ghalhekk qed jagixxi wahdu, eccezzjonalment, permezz tad-*derivative action*, anki sabiex huwa jitlob ir-rimedji mehtiega, ghan-nom ta' Parade Limited bhala azzjonista f'Windsor Holdings Limited; Fil-kuntest ta' azzjoni derivattiva minn Parade Limited, qua azzjonista fis-socjeta Windsor Holdings Limited, din ta' l-ahhar qeghda tissejjah bhala intimata ghar-ragunijiet procedurali. Ghal darb' ohra izda, il-partijiet l-ohra, perit William Carbonaro u perit Edward Micallef qed jergu jissejjhu bhala intimati abbazi tal-kolluzjoni taghhom, din id-darba mad-diretturi maggoritarji fil-Bord ta' Windsor Holdings Limited, liema kolluzjoni ikkawzat telf sinjifikanti fis-socjeta Parade Limited u fis-socjeta sussidjarja taghha Windsor Holdings Limited.

"7. ILLI l-punt illi din il-kawza giet proposta wara s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell huwa importanti. Dan ghaliex l-esponenti, li kieku ma gietx proposta din l-istanza, kienu jispiccaw minghajr rimedju, potenzjalment in vjolazzjoni ta' l-art 6 li jiggarantixxi smigh xieraq "*fair hearing*" li jinkludi '*access to a court*" u l-art 13 '*the right to an effective remedy"* tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-libertajiet u drittijiet fondamentali – dan mill-aspett procedurali. Ghaliex l-esponenti qedin jew potenzjalment jistghu ikunu f'posizzjoni li ma ghandhomx forum fejn jillanjaw.

"**Lanjanzi u Danni**

"8. ILLI l-fatti li taw lok ghall-azzjoni preszenti huma sintetikament is-segwenti:

" (i) ***Laqghat mhux imsejjha***: Ghal kwazi sentejn u nofs, Anthony Parlato Trigona naqas milli jsejjah laqghat ta-Bord jew laqghat annwali generali ta' Parade Limited minkejja talbiet ripetuti tal-attur Raymond Vassallo. Naturalment, din l-istratagemma cahdet lill-attur, qua azzjonist fis-sehem ta' 50%, mill-opportunita li jipprova jindirizza l-abbuzi allegati. Sadanittant, Anthony Parlato Trigona ittraskura ir-risponsabbiltajiet tieghu bhala segretarju tas-socjeta, biex jintbaghtu dokumenti lill-awtoritajiet, bhal kontijiet tas-socjeta li allura anqas ma setghu jigu kkunsidrati mill-Bord jew approvati mill-laqghat generali. Din it-traskuargani qeghda tkompli tikkawza kumulu ta' multi mill-MFSA u mill Kummissarju tat-taxxi nterni. L-attur gibed l-attenzjoni ta' Parlato Trigona lejn dawn il-hsarat, izda kollu ta' xejn.

" (ii) ***Tnehhija ta' viewing rights***: F'Awwissu 2009, Anthony Parlato Trigona irnexxielu wkoll icahhad lill-atturi mid-drittijiet taghhom, bhala tnejn minn erba diretturi appuntati mis-socjeta Parade Limited fis-socjeta sussidjarja Windsor Holdings Limited. Tant, illi abbuza mil-pozizzjoni tieghu bhala amministratur tal-facilita ta' *internet banking* billi nehha kapriccosament il-*viewing rights* li kellhom l-atturi, li permezz taghhom huma setghu jezercitaw supervizjoni kontinwa tal-istat ta' likwidita ta' Windsor Holdings Limited. Huwa naturali li minghajr access liberu ghal din l-informazzjoni finanzjarja l-atturi ma setghux jippartecipaw f'mod ragonevoliu, fil-Bord tas-socjeta sussidjarja, specjalment fir-rigward ta' konsiderazzjoni ta' hlas ta' debiti. L-abbuz ta' Parlato Trigona serva biex giet ostakolata l-attendenza tal-konjugi Vassallo fil-laqghat tal-Bord ta' Windsor Holdings Limited.

(iii) "***Kotba ta' minuti mhux mizmuma***: Ghal numru ta' snin, Anthony Parlato Trigona anki traskura u abbuza il-pozizzjoni tieghu bhala segretarju tas-socjetajiet Parade Limied u Windsor Holdings Limited permezz ta' nuqqasijiet ohra. Issa wahda mir-risponsabbiltajiet marbuta mar-rwol ta' segretarju ta' socjeta, kif stipulat mill-artikolu 72 tal-ewwel Skeda (Part 1) tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 356), hija proprja dik li jinzammu kotba tal-minuti tal-laghat generali tal-kumpanija, kif ukoll tal-laqghat tal-Bord tad-diretturi. Parlato Trigona ittraskura ghal kollox din ir-risponsabbilta fir-rigward ta' Parade Limited, kif ukoll fir-rigward tas-socjeta sussudjarja taghha Windsor Holdings Limited waqt li kien segretarju taghha sas-sena 2009. L-abbandun effettiv ta' dawn ir-risponsabbiltajiet kompla minkejja l-protesti tal-perit Raymond Vassallo anki fil-kuntest tar-rwol ta' Vassallo bhala direttur fiz-zewg kumpaniji. Fil-kas specifiku ta' Parade Limited, din it-traskuragni waslet biex decizjoni mehuda fil-passat ma gietx imwettqa billi is-segretarju Parlato Trigona nesa, jew inkella biddel il-posizzjoni tieghu u kkontenda li d-decizjoni qatt ma

ttiehdet. Din id-decizjoni, mehuda fuq parir ta' konsulent tal-kumpanija, kienet li l-kumpanija Parade Limited kella tigi konvertita f'*partnership en nom collettif,* u dan proprju biex jigu evitati spejjes ta' registrazzjoni u *audit fees* kif ukoll penalitajiet assocjati ma dewmien fil-konsenja ta' dokumenti lill-Malta Financial Services Authority MFSA. Il-konsulent sahansitra issottometta bozz ta' statut ghal dan l-iskop, waqt li ikkonferma wkoll li l-konversjoni setghet issir malajr u minghajr ebda restrizzjoni ta' zmien. L-ispejjes zejda assocjati mat-traskuragni deskritta ilahhqu ghal madwar €500 fis-sena ghal dawn l-ahhar tlett snin – jigifieri kumulu ta' xi € 1,500 sa Lulju 2011.

"***(iv) Multi kkawzati minn traskuragni fit-thejjija ta' Financial Statements u tas-sottomissjoni taghhom lill-awtoritajiet***: Ghal numru ta' snin, Anthony Parlato Trigona anki traskura u abbuza ir-rwol tirghu ta' *financial controller* tas-socjetajiet Parade Limied u Windsor Holdings Limited. Issa wahda mir-risponsabbiltajiet marbuta ma dan ir-rwol kienet proprja dik li jithejjew il-kontijiet preliminarji (*draft accounts*) tal-kumpanija, biex dawn jigu ppresentati lill-awdituri u mbaghad ikkunsidrati mill-Bordijiet rispettivi u wara konsenjati lill-awtoritajiet skond ma titlob il-ligi. Fil-kas tas-socjeta Windsor Holdings Limited, Anthony Parlato Trigona kien anki jircevi salarju kull xahar, proprju biex jezegwixxi dan il-rwol anki bhala parti mir-risponsabbiltajiet tieghu ta' Managing Director. Izda minhabba attivita' estranea kondotta mal-imputat William Carbonaro, Anthony Parlato Trigona irrelega it-thejjija tal-kontijiet taz-zewg kumpaniji ghall-attivita estranea riferita, bil-konsegwenza li dawn il-kontijiet gew sottomessi b'dewmien ta' numru ta' snin. Din it-traskuragni tolqot f'kolp wiehed, iz-zewg rwoli ta' Anthony Parlato Trigona, cioe' dak ta' segretarju u dak ta' ufficjal risponsabbli u mhallas biex ihejji l-kontijiet tal-kumpaniji. Per konsegwenza, Parade Limited soffriet multi u penalitajiet ta' xi €11,000, waqt li l-kumpanija sussidjaraja, Windsor Holdings Limited, soffriet multi simili ta' xi €8,000, cioe' kumulu ta' xi €19,000 euro ghaz-zewg kumpaniji flimkien, sa Lulju 2011.

(v) "***Dereliction of Duties - sfruttament tal-infrastruttura ta' Windsor Holdings in konnessjoni ma hrug ta' visas ghat-Tailandja***:

Ta' min isemmi li Parlato Trigona kien jezegwixxi ir-rwoli ta' segretarju, ta' financial controller u ta' managing director tal-kumpaniji in kwestjoni mill-istess ufficcju fejn dawn kienu registrati u cioé ufficcju fir-raba sular tal-binja Regent House fi Triq Bisazza, Sliema. Infatti, dan l-ufficcju kien proprjeta tas-socjeta sussidjarja Windsor Holdings Limited. Fl-istess hin, l-attur Raymond Vassallo kif ukoll l-intimat William Carbonaro, kienu jaghmlu xoghol bhala diretturi tal-kumpaniji hemm registrati, mill-istess ufficcju. Kienu anki jaghmlu xoghol privat, estraneju ghal kumpanija Windsor Holdings, bhala cirkustanza naturali marbuta mal-kontribut taghhom, minghajr rimunerazzjoni, lejn is-socjetajiet registrati d'dak l-ufficcju, u b'hekk kien jigi evitat giri bejn ufficcju u iehor u duplikazzjoni ta' rizorsi bhal computers. Huma kienu wkoll beneficjarji ahharin tal-proprjeta tal-ufficcju riferit. Issa gara li

ghal aktar minn ghaxar snin, l-intimat William Carbonaro, bhala Konslu ghar-Renju tat-Tailandja, ikkonduca operat ta hrug ta' visas ghal-vjaggaturi lejn dak il-pajjiz. Carbonaro, b'abbuz manifest ta' konflitt ta' nteress, iddelega l-parti kbira tal-operat tal-visas lil-Anthony Parlato Trigona kontra rimunerazzjoni specifika ta' lira maltija ghal kull visa (mill-hames liri rikuperati), flok ma impjega persuna barranija biex tezegwixxi dan ir-rwol. Dan ir-rwol estranaju ghall-kumpanija ha xejra intensiva meta Carbonaro ma baqax jattendi l-ufficcju msemmi billi ghal xi snin kellu impjieg bhala perit mal-fondazzjoni risponsabbli ghall-bini tal-isptar Mater Dei. Il-punt ta' din il-vertenza huwa illi Anthony Parlato Trigona irrelega ir-risponsabbiltajiet tieghu marbuta mal-impjieg full-time, biex jaghti prijorita lill-operat tal-visas, u mill-istess ufficcju fejn hu kien impjegat *full-time*. Dan l-operat kien jinvolvi disturb intermittenti u ta' kuljum ghal bosta snin. L-impatt tad-disturb fuq ix-xoghol ufficcjali ta' Parlato Trigona li ghalih kien jircevi salarju full-time, kien devastanti li wassal effettivament ghal *dereliction of duties* li huwa kien imhallas biex jezegwixxi. Mhux biss Parlato Trigona ma kienx ilahhaq mat-thejjija ta' kontijiet, izda lanqas ma kien ilahhaq ma rwoli ohra ta' amministrazzjoni. Wiehed minn dawn ir-rwoli kien li jamministra l-partijiet kommuni tal-binja Regent House, liema partijiet kommuni kienu maqsuma mal-familja Ripard li kellhom il-proprjeta ta' circa nof l-ufficcji sitwati fil-binja msemmija. Parlato Trigona dam il-fuq minn ghaxar snin biex jikkonkludi l-kontijiet tal-partijiet kommuni ta' Regent House. Ir-rikorrenti kien ripetutament iwissi lil Parlato Trigona li id-dewmien esagerat kien ser jippregudika l-gbir tal-kontribuzzjoni tal-familja Ripard lejn l-ispejjes kommuni. Sadanittant, id-debitu attrribwibbli lil familja Ripard baqa jikber sakemm lahaq is-somma ta' c. € 37,000. Il-perit Carbonaro gie awtorizzat jaghmel dak kollu necessarju biex jingabru arretrati dovuti. Wara hafna dewmien allegatament ikkawzat mill-bzonn li huwa jezamina l-kontijiet komuni, Carbonaro iccirkola *summary* tal-kontijiet lid-diretturi ta' Windsor Holdings u lill-istess familja Ripard, fejn arretrati ammontanti ghal €37,000 gie indikat. Il-perit Carbonaro lanqas indenja ruhu jirresgistra l-kreditu riferit permezz ta' semplici ittra ufficjali, anki biex il-perijodu ta' preskrizzjoni ma jkompliex jgherri il-kreditu msemmi. Id-danni sofferti mis-socjeta Windsor Holdings Limited minhabba traskuragni matul is-snin u dewmien biex jigu sottomessi l-kontijiet kemm minn Parlato Trigona u mbaghad mill-istess perit Carbonaro, ilahhqu s-somma ta' xi seba w tletin elf ewro (**€37,000**) - flimkien ma interessi li s-socjeta kienet tiffranka kontra d-debiti taghha, kieku dawn il-flus ingabbru f'waqthom.

**(vi)** "***Kolluzjoni bejn l-imputati - arretrati ta' kera dovuta mill-intimat perit Edward Micallef ma jaslux ghand is-socjeta Windsor Holdings Limited***: L-ahhar audited accounts tas-socjeta Windsor Holdings Ltd. u cioe' dawk sas-sena li ghalqet fit-31 Dicembru 2007, juru li l-Perit Edward Micallef kellu jaghti xi €20,000 bhala arretrati ta' kera pagabbli lil dik is-socjeta. L-attur Raymond Vassallo ghamel numru ta' interventi legali, inkluz Protest legalii, u ohrajn bonarji biex jigi rizolt dan id-debitu li kien jirrizulta car mill-kotba u minn notamenti

tal-awdituri. Billi Micallef u l-imputati Parlato Trigona u Carbonaro sostnew li l-arretrati kienu gew imhallsa lis-socjeta, Vassallo talab prova ta'dan b'semplici ezibizzjoni tac-cekkijiet li Micallef qal li hallas bihom. Din il-prova qatt ma waslet. Fuq talba ta. Vassallo, l-awditur tal-kumpanija staqsa x'gara mid-debitu ta' xi €20,000 dovut minn Micallef lejn Windsor Holdings Limited, li f'daqqa wahda sparixxa mir-records tas-socjeta. Meta l-awditur ipprova jinvestiga din il-grajja huwa inghata ir-risposta semplicistika illi dawn ir-records kienu zbaljati billi l-arretrati ta' Micallef kieni thallsu. L-awditur, izda, ma sab l-ebda hjiel ta' tali hlas fil-kontijiet bankarji tas-socjeta. Ghal kull bwon fini, jinghad li fl-ahhar tlett snin, Micallef kompla juza parti mill-ufficcju fejn ghadhom registrati s-socjetajiet intimati, minkejja l-fatt illi dak l-ufficcju ma baqax proprjeta ta' Windsor Holdings Limnited mill-ahhar ta' Lulju 2007, izda gie akkwistat minn kumpanija WCO Limited, appartenenti lill-familja Carbonaro. L-abbuz fir rigward tal-arretrati ta' kera dovuti mill-perit Edward Micallef ikkawza riduzzjoni fil-patrimonju ta' Parade Limited, permezz ta' telf lil-Kumpanija Windsor Holdings ammontanti ghal' xi ghoxrin elf ewro **(€20,000).**

**(vii)** "***L-intimati selettivament jivvutaw pagamenti lilhom infushom ad eskluzjoni ta' kredituri ohra***:
ILLI fit-28 ta' Lulju 2009, f'manifestazzjoni ohra flagranti ta' konflitt ta' interess, Carbonaro flimkien ma' l-intimat Parlato Trigona, immanuvraw pagamenti lejn xulxin billi abbuzaw mill-vot maggoritarju taghhom fil-Bord tad-Diretturi ta' Windsor Holdings Limited biex kull wiehed minnhom gibed somma ta' 'il fuq minn ghaxart elef euro (€10,000) mill-kont bankarju ta' Windsor Holdings Limited u dan kontra pretensjonijiet dubjuzi li uhud minnhom jirrasalu ghas-sena 1997, ampjament preskritti u kontra kull interess tas-socjeta' Windsor Holdings Limited. B'dan il-mod, huma ikkunsmaw l-assi likwidi residwi tal-kumpanija Windsor Holdings Limited a skapitu ta' kredituri ohra, inkluza l-kumpanija Winex Holdings Limited u ta' l-istess rikorrent; l-abbuz jiehu xejra aktar serja fid-dawl tal-klawzola numru 27 tal-Artikoli tas-socjeta Windsor Holdings Limited fejn il-firma tar-rikorrent Vassallo, flimkien ma dik tal-intimat Carbonaro hija mehtiega biex jigu awtorizzati kuntratti, cekkijiet ecc. u biex hlasijiet generali jigu kkontrollati f'mod bilancjat, mir-raprezentanti taz-zewg azzjonisti tal-kumpanija sussidjarja, cio'e Parade Limited u Dryad Limited. Biex iwettqu il-pagamenti riferiti, lilhom infushom, minghajr ma jghaddu mill-process normal ital-firhem riferiti, Carbonaro bhala direttur u direttur alternattiv, Parlato Trigona u avukati taghom bhala diretturi alternattivi ta' membri tal-familji taghhom, uzaw il-maggoranza fil-Bord biex awtorizzaw cekkijiet ta' xi €10,000 kull wiehed, bil-fimra unika ta' Carbonaro. Dan kien jikkostitwixxi ezempju sfaccat ta' "*backscratching*". L-abbux gie ippjanat permezz ta' manuvra ta' l-akbar malafidi billi giet prezentata rizoluzzjoni sorpriza u minghajr preavviz, li invokat il-klawzola 27 tal-Artikoli tas-socjeta Windsor Holdings, izda bi skop ingust u malizzjiz, biex b'hekk l-intimati Carbonaro u Parlato Trigona daru mal-process normali taz-zewg firhom u wettqu abbuz flagranti ta' '*backscratching*'. Ta' min jinnota li

dan l-abbuz sar possibbli permezz tal-attendenza ingenwa tal-konjugi Vassallo fil-laqgha relativa, billi dawn ma setghux jobsru jew jipprevedu il-manuvra malizzjuza tal-intimati. L-abbuz u l-malafidi johorgu aktar fic-car fil-kuntest tal-Artikolu 136A(1),(3b),(3c) tal-Kap 386 (Company Act). Dan l-abbuz wassal biex il-likwidita tas-socjeta tigi ridotta bl-ammont ta' xi ghoxrin elf ewro **(€20,000**).

***(viii)*** "***Hlasijiet ta' krediti foloz u holqien ta' precedenti abusivi ghal skopijiet ulkterjuri***: Fl-ewwel ta' Dicembru 2009, l-intimati Parlato Trigona u Carbonaro, flimkien mal-avukati taghhom li attendew il-laqgha bhala diretturi alternattivi ta' membri ohra tal-familji Parlato Trigona u Carbonaro, ipproponew u ghaddew risoluzzjoni ohra, vizzjata b'malafidi u falsita flagranti u li ghabbiet lis-socjeta Windsor Holdings bi spejjes ivventati. Ir-risoluzzjoni tajjeb indirizzat talba tar-rikorrent Vassallo biex issir denunzja addizzjonali dwar dhul li kien thalla barra fi snin precedenti. Izda ir-rizoluzzjoni inkludiet ukoll ammonti fittizzji, kontra ir-rakkomandazzjoni precedenti tal-awditur, biex hekk tigi ikkrejata *messa in scena* ippjanata biex tipprova tiggustifika azzjonijiet legali kontra r-rikorrent Vassallo (dwar talba ghal kera allegata) u manuvrata bhala difiza ghall-lanjanza numru (viii) aktar il-fuq, dwar kera dovuta mill-perit Micallef, kif imressqa fil-kawza 842/2009 JZM maghmula ftit xhur qabel il-laqgha. Hawn ukoll, l-abbuz tal-intimati gie mghejjun indirettament bil-kontribuzzjoni ingenwa tal-konjugi Vassallo permezz tal-attendenza fil-laqgha relativa. Dan l-abbuz ikkawza Danni lis-socjeta Parade Limited, kif ukoll danni diretti lis-socjeta Windsor Holdings Ltd. ammontanti ghal xi erbat elef ewro **(€4,000).**

***(ix)*** "***Laqghat tal-Bord ta' Windsor Holdings Limited ostakolati – kumulu gdid ta' multi***

Il-konjugi Vassallo dejjem iddikjaraw illi xtaqu li jkomplu jippartecipaw fiddirezzjoni tas-socjeta Windsor Holdings Limited permezz ta' laqghat tal-Bord kondotti in bonafidi. Izda biex huma ma jergewx jikkontribwixxu ghal aktar abbuzi mill-Bord, permezz tal-attendenza ingenwa taghhom, issa talbu xi forma ta' rassikurazzjoni li l-manuvri abuzivi imwettqa kronikament fl-ahhar laqghat, ma jirrepetux ruhhom, kif seta facilment jigri permezz ta' rizoluzzjonijiet imzellqa minghajr preavviz taht xi vertenza vaga fl-agenda, bhal "other urgent matters". Din ir-rassikurazzjoni qatt ma inghatat. Ghalhekk, l-atturi jzommu lis-Segretarju odjern tal-kumpanija, William Carbonaro risponsabbli ghal konsegwenza tas-sospensjoni tal-laghat tal-Bord kif spjegat. Id-danni konsegwenti ghal dan l-istat ta' *stalemate,* sa Lulju 2011, huma stmati li jlahhqu l-ammont ta' xi elf ewro **(€1,000).**

***(x)*** "***Azzjonijiet u/jew ommissjonijiet ohra malizzjuzi, li jinvolvu kawzi sekondarji:***

Fl-ahhar lok, l-intimat perit William Carbonaro espona lis-socjeta Windsor Holdings Ltd. ghal riskji sinjifikanti assocjati ma' kawzi ohra li saru bil-kapricc tieghu, u li huma motivati minn pika personali kontra r-rikorrenti konjugi Vassallo. Dawn il-kawzi ghadhom ir-riferenzi

663/2010 SM, 786/2010 AE, 370/2009 GM u 186/2009 GV. Bhala ezempju ta' tali riskju, jingab, f'dan l-istadju, il-kas ta' sekwestru malizzjus ottenut mil-perit Carbonaro, allegatament ghan-nom ta' Windsor Holdings biex taparsi jikkawtela kreditu allegatament dovut mill-konjugi Vassallo lil dik is-socjeta. Is-sekwestru msemmi gie mahrug lejlet it-tieg ta' bint il-konjugi Vassallo. Ghalkemm il-konjugi Vassallo talbu, wara t-tieg, revoka tas-sekwestru riferit u ghakemm il-kas ghadu *sub judice*, jibqa l-fatt illi Carm Fenech, l-awditur tal-kumpanija Windsor Holdings, iccertifika bil-miktub u anki biex xhieda tieghu guranmentata, fis-sens illi l-konjugi Vassallo kienu huma kredituri tal-kumpanija, cio'e kellhom jiehdu min ghandha, u mhux bil-maqlub. Id-danni li tista ssofri l-kumpanija Windsor Holdings in konsegwenza tal-agir ta' Carbonaro fir-rigward tat-tlett kawzi riferiti jista jlahhaq l-ammont ta' tletin elf ewro (**€30,000**).

"***Kawtela ta' Danni allegati***:

"9. (i) ILLI id-danni ta' xi €20,000 konnessi ma kera tal-intimat Edward Micallef (koperti fil-paragrafu 8(vi)) huma gia kawtelati mis-sekwestru Numri 2493/09 ottenuti mal-kawza 842/2009 JZM li issa hija kumplimentata bil-kawza prezenti li tkompli tiddeduci il-kawzali. Ghal raguni ta' prattikalita ir-rikorrenti jitolbu il-kontinwazzjoni tas-sekwestru riferit flok isir sekwestru gdid.

"(ii) ILLI id-danni ta' €4,000 assocjati ma denunzja abusiva (paragrafu 8(viii)), ta' €1,000 assocjati ma ostakolu fiz-zamma ta' laqghat tal-Bord ta' Windsor Holdings Limited (paragrafu 8(ix)), u ta' €30,000 assocjati ma kawzi frivoli u jew interventi legali malizzjuzi (paragrafu 8(x)) sehhew wara l-kawza 842/2009 JZM u ghalhekk qed jintalab sekwestru iehor, limitat ghal € 15,000, flok €35,000 kif jirrizulta mill-ghadd ta' cifri indikati fil-paragrafi rifereiti, cio'e 8(viii), 8(ix) u 8(x), bhala rizerva biex tikkawtela bi prudenza, l-stima tad-danni eventwali, u kkawzati kif spjegat. Dan is-sekwestru gdid ged jintalab principalment kontra l-intimat William Carbonaro, izda anki kontra Windsor Holdings Limited ghal raguni ta' procedura.

"(iii) ILLI id-danni ammontanti ghal €76,000 fir-rigward tad-danni l-ohra deskritti aktar il-fuq u koperti fil-paragrafi 8(iv), 8(v) u 8(vii), huma gia kawtelati fis-sekwestru numru 1384/09 ghal € 100,000, dedott fil-kawza 842/2009 JZM li issa hija kumplimentata bil-kawza prezenti li tkompli tiddeduci il-kawzali. Id-differenza ta' €24,000 (€100,000 naqqas €76,000) tirrapprezenta danni assocjati ma socjetajiet ohra intimati fil-kawza 842/2009 JZM u ma rizerva prudenti ghal spejjes legali. Ghal raguni ta' prattikalita ir-rikorrenti jitolbu il-kontinwazzjoni tas-sekwestru riferit flok isir sekwestru gdid.

"Talab lil din il-Qorti biex:

"1. tiddikjara u tikkundanna lil-intimati jew min minnhom solidalment ikkawzaw danni, jew telf patrimonjali inkluz telf ta' qligh lis-socjeta

Parade Limitred u lis-socjeta sussidjarja taghha Windsor Holdings Limited bir-risponsabilita', fil-misura u fl-ammonti li ghandhom jigi determinati mill-Qorti;

"2. tillikwida d-danni u t-telf patrimonjali hekk kawzati;

"3. tikkundanna lill-intimati jew min minnhom solidalment ihallsu d-danni u t-telf hekk kawzati.

"4. taghti ordni u provvidement iehor li jidhrulha xierqa.

"Bl-imghax bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-Ligi.

"Rat id-dokument anness.

"Rat ir-risposta tal-Perit William Carbonaro u Gabriella Carbonaro li in forza taghha gie eccepit:

1. "Illi preliminarjament l-eccepjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-azzjoni derivattiva hekk kif proposta mill-atturi ma hijiex permessa jew azzjonabbli skond il-ligi socjali Maltija;

2. "Illi preliminarjament ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccepjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-atturi konjugi Vassallo ma kellhomx u m'ghandhomx l-interess guridiku rikjest mill-ligi sabiex jipproponu l-azzjoni odjerna fil-konfront ta' l-istess eccipjenti;

3. "Illi preliminarjament ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccepjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-atturi konjugi Vassallo ma kellhomx u m'ghandhomx l-awtorita' sabiex jistitwixxu l-azzjoni odjerna ghan-nom tas-socjeta' attrici Parade Limited;

4. "Illi preliminarjament ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccepjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li s-socjeta' Parade Limited ma kellhiex u m'ghandhiex l-awtorita' rikjesta skond il-Memorandum and Articles of Association taghha sabiex tistitwixxi l-azzjoni odjerna;

5. "Illi preliminarjament ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost l-atturi ghandhom jissodifaw lil dina l-Onorabbli Qorti li ma kellhomx rimedji ohrajn jew li jekk kellhom rimedji ohrajn dawn gew minnhom ezawriti inutilment qabel ma bdew il-proceduri odjerni u fin-nuqqas l-eccipjenti odjerna ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

6. "Illi preliminarjament il-pretensjonijiet attrici ghar-rizarciment tad-danni huma preskritta ai termini tal-artikoli 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

7. “Illi preliminarjament l-pretensjonijiet attrici huma ukoll preskritti ai termini tal-artikoli 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta);

8. “Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak precitat ma jezistu l-ebda ragunijiet li jistghu jiggustifikaw rimedju fil-forma ta’ azzjoni derivattiva, u dana kif ser jirrizulta ahjar fil-mori tal-kawza

9. “Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fi dritt u ghandhom jigu michuda, apparti ghar-ragunijiet precitati, ukoll ghas-segwenti ragunijiet:

i. “Illi ghal-dak li jirrigwarda l-pretensjoni attrici li dwar il-laqghat ta’ Parade Limited mhux imsejjha, l-eccipjenti odjerni huma estraneii ghal kollox izda ghal kull buon fini jopponu ghal din din il-lanjanza stante li l-atturi konjugi Vassallo setghu ezercitaw d-dritt taghhom qua azzjonisti a tenur tal-artikolu 132 tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta’ Malta) – dan ma jirrizultax li ghamluh!

ii. “Illi ghal-dak li jirrigwarda l-pretensjoni attrici dwar it-tnehhija ta’ Viewing Rights jinghad bir-rispett illi l-konjugi Vassallo ma humiex azzjonisti fis-socjeta’ Windsor Holdings Limited u ghalhekk ma ghandhomx l-interess guridiku rikjest mill-ligi sabiex jadixxu dina l-Onorabbli Qorti f’dan ir-rigward. Ghal dak li jirrigwarda lis-socjeta’ Parade Limited (fil-kwailta’ taghha ta’ azzjonista ta’ Windsor Holdings Limited), apparti milli ma hijiex persuna fizika, azzjonisti m’ghandhom l-ebda dritt sabiex jaraw l-internet banking tas-socjeta’ li taghha huma azzjonisti (f’dan il-kaz Windsor Holdings Limited). Minghajr pregudizzju ghal dak precitat l-eccipjent Perit Carbonaro jiddikjara li malli gie nfurmat b’dan l’ilment tal-Perit Vassallo, huwa, bhala Segretarju tas-socjeta’ Windsor Holdings Limited inkluda din il-lanjanza fuq kull agenda imhejjija ghal kull laqgha tal-Bord ta’ l-istess socjeta’ b’effett mill-10 ta’ Gunju 2010 bil-ghan li din il-kwistjoni tigi deciza mill-istess Bord. Il-Perit Vassallo u Martu Mariella Vassallo ma attendew ghal ebda wahda minn dawn il-laqghat. Stante li l-Memorandum and Articles of Association ta’ l-istess Windsor Holdings Limited jirrikjedu li l-membri kollha tal-Bord jkunu prezenti ghal finijiet ta’ quorum dawn il-laqghat ma setghux jsiru u l-imsemmija lanjanza ma setghetx tigi diskussa. Ghalhekk l-eccipjenti huma tal-fehma li t-tratazzjoni ta’ din il-lanjanza f’dawn l-atti hija ukoll ferm prematur u intempestiv;

iii. “Illi ghal dak li jirrigwarda l-pretensjoni attrici dwar kotba ta’ minuti ta’ Parade Limited mhux mizmuma, l-eccipjenti odjerni huma estraneii ghaliha izda ghal kull buon fini jopponu ghal din il-lanjanza stante li l-atturi konjugi Vassallo setghu ezercitaw d-dritt taghhom qua azzjonisti a tenur tal-artikolu 402 tal-Att Dwar il-Kumpanniji fil-waqt propizju – dan ma jirrizultax li ghamluh!

iv. “Illi ghal dak li jirrigwarda l-pretensjoni attrici dwar kotba ta’ minuti ta’ Windsor Holdings Limited mhux mizmuma minn Anthony Parlato Trigona, l-eccipjenti odjerna jiddikjaraw illi, kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza odjerna, huma dejjem aggixxew fl-ahhjar interessi tal-kumpannija Windsor Holdings Limited. F’kwalunkwe kaz, jekk il-

konjugi Vassallo dehrilhom li s-Sur Parlato Trigona ma kienx qed jaqdi d-doveri tieghu fl-ahjar mod possibbli huma dejjem setghu, anzi kien fl-obbligu taghhom qua diretturi ta' l-istess Windsor Holdings Limited, li jghamlu dak kollu possibbli sabiex jindirizzaw l-allegata "problema" fil-waqt propizju. Dan setghu facilment ghamluh billi jirrikorru ghad-direzzjoni tal-Bord tad-Diretturi (anke tramite l-artikolu 132 tal-Att Dwar il-Kumpanniji f'kaz li hassew li ma setghux jsemmi lehinhom fir-rigward) – dan ma jirrizultax li ghamluh! Jinghad ukoll illi s-socjeta' Parade Limited (qua azzjonista ta' Windsor Holdings Limited) setghet ukoll, f'kaz li gie deciz li kien hemm xi bzonn, ezercitat d-drittijiet taghha a tenur tal-artikolu 402 tal-Att Dwar il-Kumpanniji fir-rigward ta' din il-lanjanza fil-waqt propizju - dan ma jirrizultax li ghamlitu!

v. "Illi ghal dak li jirrigwarda l-pretensjoni attrici dwar multi allegatament kkawzati minn traskuragni fit-thejjija ta' Financial Statements ta' Parade Limited u tas-sottomissjonijiet taghhom lill-awtoritajiet da parti ta' Anthony Parlato Trigona, l-eccipjenti odjerni huma estraneii ghal kollox ghal din il-lanjanza stante illi la huma diretturi u lanqas huma azzjonisti tas-socjeta' Parade Limited;

vi. "Illi ghal dak li jirrigwarda l-pretensjoni attrici dwar multi allegatament kkawzati minn traskuragni fit-thejjija ta' Financial Statements ta' Windsor Holdings Limited u tas-sottomissjonijiet taghhom lill-awtoritajiet da parti ta' Anthony Parlato Trigona, l-eccipjenti odjerna huma sa certu punt estraneii. Jinghad pero' illi Financial Statements ta' Windsor Holdings Limited ma jistghux jigu sottomessi lil-awtorittajiet stante li ma gewx approvati mill-bord tad-diretturi ta' dik is-socjeta' u dan tort unikament tal-konjugi Vassallo li a skapitu ta' dik is-socjeta' qeghdin jassentaw ruhom mill-laqghat tal-bord taghha, ben konoxxenti mill-fatt li l-memorandum and Articles of Association ta' Windsor Holdings Limited jirrikjedu quorum tad-direuuti kohha biex jsir laqgha ta' tali bord;

vii. "Illi ghal dak li jirrigwarda l-pretensjoni attrici dwar l-allegat dereliction of duties u sfruttament tal-infrastruttura ta' Windsor Holdings in konnessjoni ma hrug ta' visas ghat-Tailandja l-eccipjenti odjerni jopponu ghal din il-lanjanza bil-qawwa kollha. Kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza l-eccipjenti odjerna dejjem agixxew fl-ahhjar interessi tal-kumpannija, ai termini tal-mandat lilhom moghti mill-azzjonisti tas-socjeta' Windsor Holdings Limited u ai termini ta' dak deciz mill-Bord tad-Diretturi ta' dik is-socjeta'. L-ufficcju uzat mill-eccipjent odjern u mill-Perit Raymond Vassallo kien ilu jigu uzat minnhom (u anke mill-Perit Edward Micallef u ohrajn) ghal-ghanijiet kummercjali distinti u separati taghhom ghal snin twal u kien appuntu ghalhekk li huma dejjem hallsu kera ghall-uzu ta' l-ufficcju ta' Windsor Holdings Limited. Difatti l-eccipjent odjern ilu juza l-infrastruttura ta' l-ufficcji komuni ghall-finijiet tal-Konsolat ta' Tailandja sa mill-1987 (ferm qabel ma giet koncepita Windsor Holdings Limited), meta l-ufficcju kien ghadu l-Belt Valletta, liema uzu kompla wara li l-eccipjent odjern, il-Perit Raymond Vassallo, il-Perit Edward Micallef u ohrajn krew parti mill-bini appartenenti lil Windsor Holdings minghand dik is-socjeta' biex jazawha bhala l-ufficini taghhom - u dana a pjiena konoxxjenza tar-rikorrent Raymond Vassallo. F'kwalunkwe kaz, jekk il-konjugi

Vassallo dehrilhom li s-Sur Parlato Trigona ma kienx qed jaqdi d-doveri tieghu fl-ahjar mod possibbli huma dejjem setghu, anzi kien fl-obbligu taghhom qua diretturi ta' l-istess Windsor Holdings Limited li jghamlu dak kollu possibbli sabiex jindirizzaw l-allegata "problema" fil-waqt propizju. Dan setghu facilment ghamluh billi jirrikorru ghad-direzzjoni tal-Bord tad-Diretturi (anke tramite l-artikolu 132 tal-Att Dwar il-Kumpanniji f'kaz li hassew li ma setghux jsemmi lehinhom fir-rigward) – dan ma jirrizultax li ghamluh! Jinghad ukoll illi s-socjeta' is-socjeta' Parade Limited (qua azzjonista ta' Windsor Holdings Limited) setghet ukoll, f'kaz li gie deciz li kien hemm xi bzonn, ezercitat d-drittijiet taghha a tenur tal-artikolu 402 tal-Att Dwar il-Kumpanniji fir-rigward ta' din il-lanjanza fil-waqt propizju - dan ma jirrizultax li ghamlitu!

viii. "Illi ghal dak li jirrigwarda l-pretensjoni attrici dwar l-allegat kolluzjoni bejn l-imputati – arretrati ta' kera dovuta mill-intimat perit Edward Micallef ma jaslux ghand is-socjeta' Windsor Holdings Limited, kif zgur ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza odjerna l-kreditu ta' dik is-socjeta' fil-konfront tal-perit Edward Micallef ilu li gie saldat. Li kienku r-rikorrenti konjugi Vassallo aggixxew fl-ahjar interessi tas-socjeta' Windsor Holdings Limited u li kieku huma attendew ghall-laqghat tal-Bord tad-Diretturi ta' dik is-socjeta' kien jigi evitat litigju doppju fuq din il-kwistjoni. Jinghad hekk ghaliex din il-lanjanza diga tifforma parti tal-mertu tal-precitata kawza bin-numru 842/2009 JZM. Ghalhekk f'dan ir-rigward qed tigi sollevata l-eccezzjoni ta' *lis alibi pendens*;

ix. "Illi ghal dak li jirrigwarda l-pretensjoni attrici li l-intimati selettivament ivvutaw pagamenti lilhom infushom ad eskluzjoni ta' kredituri ohra u anke dwar il-lanjanza dwar hlasijiet ta' krediti foloz u holqien ta' precidenti abuzivi ghal skopijiet ulterjuri, kif jaf ben tajjeb ir-rikorrent perit Raymond Vassallo, il-firma ta' l-istess Perit Vassallo hija rikjesta biex is-socjeta' Windsor Holdings Limited tirrilaxxja cekk. Dan inghad, il-Bord tad-Diretturi ghandha kull dritt li, permezz ta' rezoluzzjoni, ttiddecidi kif u meta dik is-socjeta' ghandha thallas dejn partikolari. Jinghad illli din il-lanjanza da parti tal-konjugi Vassallo hija ghal kollox frivola u vessatorja senjatament peress illi kull tali pagament li sehh a bazi ta' decizjoni tal-Bord tad-Diretturi sehh wara awtorizzazzjoni moghtija b'vot regolarment mehud waqt laqgha tal-Bord tad-Diretturi ta' Windsor Holdings Limited, fl-liema vot ippartecipaw (b'mod dirett jew indirett) il-konjugi Vassallo. F'kwalunkwe kaz, apparti mill-fatt li d-djun jridu jithalsu irrispettivament minn jekk jigix affettwat il-likwidita' tal-kumpannija jew le, l-eccipjenti odjerna jiddikjaraw illi, kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza odjerna, huma dejjem aggixxew fl-ahhjar interessi tal-kumpannija Windsor Holdings Limited f'dan ir-rigward u li sahhansittra huma dejjem aggixxew bil-mod li xtaqet l-istess kumpannija;

x. "Illi ghal dak li jirrigwarda l-pretensjoni attrici dwar laqghat tal-Bord ta' Windsor Holdings Limited ostakolati – kumulu gdid ta' multi jingahad bir-rispett u kif ser jigi ampjament ippruvat fil-mori tal-kawza odjerna illi l-eccipjent, qua segretarju ilu ghal zmien twil jsejjah laqghat tal-Bord tad-Dirretturi izda l-konjugi Vassallo ma attendewx ghal tali

laqghat bir-rizultat li tali laqghat ma setghux jsiru minhabba mankanza ta' quorum. A kontrarju ta' dak li qed jinghad mir-rikorrenti huwa dan in-nuqqas lampanti da parti tar-rikorrenti konjugi Vassallo li qed jikkawza danni sostanzjali lis-socjeta' Windsor Holdings Limited. F'kwalunkwe kaz, l-eccipjenti odjerni dejjem aggixxew fl-ahhjar interessi tal-kumpannija Windsor Holdings Limited f'dan ir-rigward u li sahhansittra huma dejjem aggixxew bil-mod li xtaqet l-istess kumpannija;

xi. "Illi ghal dak li jirrigwarda l-pretensjoni attrici dwar azzjonijiet u/jew ommissjonijiet ohra malizzjuzi, li jinvolvu kawzi sekondarji, jekk tali azzjonijiet u/jew ommissjonijiet ohra kienu jew huma malizzjuzi jaspetti mhux lill-dina l-Onorabbli Qorti f'dan il-gudizzju biex tiddeciedi izda lill-Qorti li tkun qed tiehu konjizzjoni taghhom. Jinghad ukoll illi l-eccipjenti odjerni dejjem aggixxew fl-ahhjar interessi tal-kumpannija Windsor Holdings Limited f'dan ir-rigward u li sahhansittra huma dejjem aggixxew bil-mod li xtaqet u ddecidiet l-istess kumpannija;

xii. "Illi ghal dak li jirrigwarda l-pretensjoni attrici ghar-rigward ta' kawtelar ta' danni jinghad bir-rispett illi d-dikjarazzjoni hemm maghula mill-atturi hija ammissjoni cara li l-lanjanzi citati fir-rikors promotur u jinsabu hemm kontenuti fil-paragrafi 8(iv), 8(v), 8(vi), 8(vii), 8(viii), 8(ix) u 8(x) gja jiffurmaw il-mertu tal-precitata kawza bin-numru 842/2009. Ghalhekk filwaqt li ghal kull buon fini qed tigi sollevata l-eccezzjoni ta' *lis alibi pendens* fir-rigward ta' dawn l-imsemmija lanjanzi, l-esponenti jissottomettu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex taghti widen lir-rikorrenti fir-rigward;

"Ghaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti li huma minn issa stess ngunti ghas-subizzjoni.

"Rat ir-risposta guramentata tal-Perit Arkitett Edward Micallef u Anna Micallef li in forza taghha gie eccepit illi:

"Preliminarjament huma mhumiex il-legittimi kuntraditturi ta' din il-kawza u ghandhom ghalhekk jigu minnufih, u qabel ma tkun tipprocedi din il-kawza, liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huma la huma azzjonisti, la huma diretturi u wisq anqas lanqas qatt ma kienu involuti fil-gestjoni u/jew fit-tmexxija la ta' Prade Limited u lanqas Windsor Holdings Limited li huma zewg socjetajiet ultimament proprjetà tal-familji Parlato Trigona, Carbonaro u Vassallo u li fihom mhumiex involuti l-eccipjenti.

"Fuq il-mertu, l-unika talba li tista' remotament tigi marbuta mal-eccipjenti Micallef jew indirizzata lilhom hija dik kontenuta fil-punt (vi) tal-pagna 6 tar-rikors promotur dwar l-allegati arretrati ta' kera liema talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez in kwantu manifestament infondata fil-fatt u fid-dritt. Dawn l-allegati arretrati ilhom li thallsu sa mill-2004, 2005 u 2006 kif jidher minn semplici riferenza ghall-anness Dokument EM1.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez liema spejjez izda ghandhom jigu intaxxati kontra l-istess atturi skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) tat-Tariffa fi Skeda A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu huma proceduri bhala abbuzivi ghaliex il-Perit Vassallo kien jaf jew messu kien jaf bhala direttur ta' Windsor Holdings Limited li dawn l-importi effettivament ilhom hames snin li thallsu.

"Rat id-dokumenti annessi, inkluz l-affidavit.

"Rat ir-risposta guramentata ta' Anthony Parlato Trigona u Ingrid Parlato Trigona li in forza taghha gie eccepit illi:

1. "Illi preliminarjament il-kawza kif proposta hija irrita u nulla u ghandha tigi miċhuda in kwantu l-mod kif giet redatta huwa legalment insostenibbli, improponibbli u **jikser id-dettami tassattivi tal-Artikolu 161(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.** Dan ir-rikors guramentat huwa *ex admissis* maghmul minn **zewg azzjonijiet derivattivi distinti**: wahda f'isem il-Perit Vassallo fil-kuntest tas-soċjetà Parade Limited u l-ohra mressqa mill-istess Perit Vassallo ghan-nom u in rapprezentanza (sic) tal-istess soċjetà Parade Limited fil-kuntest tas-soċjetà Windsor Holdings Limited, kontra konvenuti separati u differenti u dan meta fl-ordinament proċedurali nostran **kawzi separati ma jistghux jigu mressqa minn zewg atturi flimkien permezz ta' rikors guramentat wiehed jekk il-kawzali u t-talbiet ma jkunux konnessi u fuq kollox kontra l-istess konvenut**;

2. "Illi fit-tieni lok preliminarjament il-kawza hija irrita u nulla u ghall-ekonomija tal-atti gudizzjarji ghandha tigi miċhuda qabel ma jsir l-ebda dibattitu fuq il-mertu ghaliex hija mpustata hazin u hija legalment insostenibbli in kwantu, trattasi ta' "*derivative action*" kif dikjarat fir-rikors promotur stess, **tali azzjoni *qua* azzjoni derivattiva fid-dritt soċjetarju nostran ma titressaq ghan-nom u in rapprezentanza ta' hadd, izda f'isem l-attur individwalment, li dejjem u f'kull waqt jagixxi f'ismu proprju biss**;

3. "Illi preliminarjament ukoll fit-tielet lok, il-kawza kif proposta hija irrita u nulla in kwantu bil-mod kif impustata, tressaq xenarju legalment improponibbli u assurd fejn **l-istess soċjeta' Parade Limited hija attriċi u konvenuta, haga legalment insostenibbli**, proċeduralment fatali u insanabbli anke minn din l-Onorabbli Qorti;

4. "Illi fir-raba eċċezzjoni preliminari, l-eċċipjenti jeċċepixxu wkoll in-nullita' tar-rikors promotur in kwantu ma jissodisfax ir-rekwiziti tassattivi tal-**Artikolu 156 tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta peress li **ma jispeċifikax ir-ragunijiet tat-talba u ma fihiex dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oggett tal-kawza** anzi hija tahlita indiskriminata u konfuza mmens ta' fatti u avvenimenti mhux relatati bejniethom li graw fil-kuntest distint ta' bosta soċjetajiet differenti u

indipendenti minn xulxin u fuq kollox huwa rikors konkluz b'talbiet li ma jsibu l-ebda riskontru fil-premessi fattwali li jippreċeduhom;

5. "Illi preliminarjament ukoll, l-eċċipjenti jeċċepixxu n-nullita' tal-azzjoni msejha mill-attur bhala "*derivative action*" in kwantu huwa assodat fil-gurisprudenza nostrana kif ukoll fil-ligi u l-gurisprudenza Ingliza ta' qabel il-Companies Act 2006 li japplikaw fl-interpretazzjoni tal-ligi tas-soċjetajiet taghna **li *ad validitatem* qabel ma tigi mpustata l-azzjoni derivattiva l-attur irid juri li jkun ezawrixxa r-rimedji soċjetarji kollha spettanti lilu fl-organi kompetenti,** haga li evidentement lanqas biss beda jaghmel l-attur odjern;

6. "Illi preliminarjament izda sussidjarjament ghas-sueċċepit, il-kawza odjerna hija wkoll improponibbli fil-konfront tal-eċċipjenti kollha in kwantu **azzjoni derivattiva** bhal dik proposta mill-atturi **tista' tigi biss proposta kontra "*wrongdoer in control*" tas-soċjeta'** li fiha jitwettqu n-nuqqasijiet lanjati u fil-kaz odjern sempliċi riċerka fl-istatut tas-soċjeta' in kwistjoni juri li **l-ebda wiehed mill-eċċipjenti ma huwa "in control"** ta' dik is-soċjeta';

7. "Illi preliminarjament izda sussidjarjament ukoll ghal dak sueċċepit, f'dak li ghandu x'jaqsam mal-hekk imsejha **azzjoni derivattiva fil-kuntest tal-intimata Windsor Holdings Limited, ir-rikorrent irid l-ewwel jipprova li seta jmexxi f'isem u ghan-nom tas-soċjetà azzjonista Parade Limited, jew mill-istatut tal-istess soċjetà jew permezz ta' awtorizzazzjoni gudizzjarja** haga li m'ghamilx u li ma jistax jaghmel ghaliex kull ma forna quddiem din l-Onorabbli Qorti hija sensiela ta' assurditajiet legali fil-punt numru 5 tar-rikors promotur;

8. "Illi fil-mertu, it-talbiet attriċi diga' gew in parti deċizi mill-Onorabbli Qorti tal-Appell u kwindi llum jikkostitwixxu *res judicata* bejn il-partijiet u in parti jinstabu dedotti fi proċeduri ohrajn pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta u kwindi japplikaw id-dipozizzjoniijet tal-*litis pendens* skond il-Ligi u din il-kawza ma hi xejn ghajr tentattiv ta' duplikazzjoni ta' kawzi bla bzonn;

9. "Illi fuq il-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suesposti eċċezzjonijiet preliminari, it-talbiet attriċi huma mhux biss totalment infondati fil-fatt u fid-dritt izda huma wkoll totalment frivoli u vessatorji kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza u l-eċċipjenti jitolbu li din l-**Onorabbli Qorti mhux biss ghandha tiċhadhom bl-ispejjez izda ghandha wkoll tiddikjara dawn il-proċeduri bhala abbuzivi u tintaxxahom kontra l-istess attur skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) tat-Tarriffa fi Skeda A tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta. L-allegazzjonijiet kollha mressqa huma inveritieri kif jaf tajjeb ir-rikorrenti ghaliex l-esponenti qatt ma ghamel dak illi qed jigi allegati li ghamel anzi huwa dejjem mexxa

bl-akbar reqqa u fl-interess esklussiv tal-kumpanija anzi diversi drabi pprotega lill-istess kumpanija Parade Limited kontra l-abbuzi tar-rikorrent Perit Raymond Vassallo, u dan kif sejjer jigi ppruvat f'sede ohra hafna drabi a spejjez tieghu;

10. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-eċċezzjoni preċedenti anke jekk, ghall-argument, jigu ppruvati li sehhew fattwalment dawk l-avvenimenti vvintati mill-Perit Vassallo, **l-ebda wahda minn dawk iċ-ċirkostanzi ma jikkostitwixxu frodi fuq l-interessi minoritarji li huwa l-element li jrid jigi ppruvat f'azzjoni derivattiva** izda *se mai* trattasi ta' atti ta' negligenza jew traskuragni;

11. "Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi

"Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Dicembru 2001 fejn gie registrat illi:

> "*Il-Perit William Carbonaro jiddikjara illi huwa segretarju, kif ukoll wiehed mid-diretturi tas-socjetà Windsor Holdings Limited, u qed jaghti ruhhu b'notifikat bl-atti tal-kawza ghan-nom tal-istess socjetà.*
>
> "*Anthony Parlato Trigona jiddikjara li huwa segretarju u direttur ta' Parade Limited, u qed jaghti ruhhu b'notifikat bl-atti tal-kawza ghan-nom tal-istess socjetà.*"

"Ma gew prezentati ebda twegibiet ghan-nom taz-zewg socjetajiet.

"Rat id-dokumenti kollha.

"Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-atturi, tal-konvenuti Carbonaro u tal-konvenuti Parlato Trigona.

"Semghet lid-difensuri.

"Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-konjugi Carbonaro u l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konjugi Parlato Trigona.

"Ikkunsidrat illi l-atturi f'din il-kawza qed jittentaw jezercitaw dik ix-xorta ta' kawza maghrufa fid-dritt tal-kumpaniji bhala "derivative action". Ir-rikors promotur jiddikjara:

> "*l-esponenti qed jesercitaw l-azzjoni derivativa (derivative action) klassika maghrufa fil-Company Law Ingliza, u accettata mil-ligi nostrali.*"

"Ikkunsidrat illi r-rikorrenti Arkitett Raymond Vassallo huwa azzjonist u direttur ta' Parade Limited li azzjonist iehor taghha huwa Anthony Parlato Trigona. Parade Limited minn naha l-ohra hija azzjonista f'Windsor Holdings Limited.

"Permezz ta' din il-kawza l-Arkitett Vassallo f'ismu qua azzjonist ta' Parade Limited kif ukoll fil-kwalità tieghu ta' direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Parade Limited, qed jallega fil-konfront tal-intimati responsabbilità ghal danni kawzati lil Parade Limited u dan minhabba, *inter alia*, abbuzi, traksuragni u frodi.

"Ghar-rigward tal-ewwel eccezzjoni tal-konjugi Parlato Trigona illi din il-Qorti kkunsidrat illi l-Art. 161 (3) tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> "*Zewg atturi jew aktar jistghu jibdew il-kawzi taghhom permezz ta' rikors guramentat jew rikors mhux guramentat wiehed skont il-kaz, jekk il-kawzi jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin minhabba fil-mertu taghhom jew jekk id-deċizjoni li tinghata dwar wahda mill-kawzi tista' tolqot id-deċizjoni dwar il-kawza jew il-kawzi l-ohra u jekk il-provi li jingiebu f'wahda mill-kawzi jkunu, generalment, l-istess provi li ghandhom jingiebu fil-kawza jew fil-kawzi l-ohra. Ir-raguni ghaliex ikunu qeghdin isiru l-kawzi u l-mertu taghhom ghandhom jigu dikjarati b'mod ċar u speċifiku minn kull attur.*"

"Il-proceduri odjerni jemanaw minn sitwazzjoni komplessa ta' socjetajiet konnessi u l-allegazzjonijiet ta' skorrettezzi jinvolvu lil kollha kemm huma. Fid-dawl tac-cirkostanzi ghalhekk ma tistax tqis li hija gustifikata l-eccezzjoni moghtija.

"L-intimati Carbonaro u Parlato Trigona jeccepixxu preliminarjament illi l-azzjoni maghrufa bhala "derivative action" m'hijiex proponibbli fid-dritt Malti.

"Din il-Qorti kkunsidrat illi l-proponibilità o meno ta' "derivative action" giet studjata fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-kuntest ta' proceduri simili ghal dawn odjerni ukoll bejn uhud mill-partijiet f'din il-kawza (Vassallo et vs Carbonaro et – 30 ta' Jannar 2014) fejn il-Qorti irriteniet is-segwenti:

> "*U ghalhekk* ***mhijiex kondivisa*** *l-fehma tal-atturi li "derivative action" kif thaddmet fil-common law tal-Ingilterra ghandha titqies anke fil-kuntest Malti bhala a plus favur l-azzjonista, u kwindi agguntiva ghall-azzjoni skond l-Art. 402.*"

"Il-Qorti enfasizzat f'dik is-sentenza:

> "*Meta l-Att dwar il-Kumpanniji sar ligi tal-pajjiz fl-1995 biex jiehu post il-Commercial Partnerships Ordinance 1962, il-legislatur Malti kien jaf bl-esistenza tad-"derivative action" kif kienet applikata mill-common law fl-Ingilterra. Eppure ma holoq l-ebda "derivative action" fuq il-binarji kif thaddmet l-Ingilterra bhala eccezzjoni ghall-principji stabbiliti fis-sentenza ta' "Foss v Harbottle".* ***Anzi l-legislatur ried li kollox idur mal-Art 402****.*"

"Ghar-rigward, imbaghad, tad-distinzjoni bejn interessi li huma "company oriented" u "petitioner oriented", il-Qorti kellha hekk xi tghid:

> "*Fil-ligi taghna kif inhi illum iz-zewg <u>interessi</u> huma tutelati fl-ambitu tas-subinciz (1) tal-Art 402. Anzi l-ligi taghti lill-"membru dritt ta' azzjoni fil-kaz illi t-tmexxija tal-"affarijiet tal-<u>kumpannija</u>" jirrizulta li jkunu qeghdin jitmexxew bil-mof kontemplati fl-istess subinciz. Il-Qorti tara l-ghaqal tal-legislatur illi tant wessa' l-ilmenti ghad-disposizzjoni tal-"membru" li purche' jaghmel il-prova sal-grad rikjest mill-ligi illi r-rimedji li jista' jitlob u li huma fid-diskrezzjoni tal-Qorti huma wiesa' bizzejjed biex jinkludu l-paragrafu (e).*"

"Moghti d-dovut rigward ghal dan l-insenjament, din il-Qorti ma tistax madankollu tinjora c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, fejn ir-rikorrenti Vassallo huwa azzjonist fis-socjetà Parade li hija azzjonista fis-socjetà Windsor Holdings, u li fi proceduri rigwardanti l-imsemmija Windsor Holdings il-Qorti tal-Appell (842/09) irriteniet illi, qua azzjonist ta' Parade Limited huwa ma setax jistitwixxi proceduri a tenur tal-Art. 402 tal-Kap. 386, stante li din m'hija permessa lil azzjonist "second tier".

"Ghal dak li jirrigwarda imbaghad lil Parade Limited fejn ir-rikorrenti Vassallo huwa stess azzjonist, din il-Qorti tirreferi ghall-principju enuncjat mill-Prim Awla tal-Qorti fil-kawza Migdal vs Mizzi (18 ta' Mejju 2001):

> "*Fuq kollox din il-Qorti, fil-qadi tad-dmir taghha li tara li l-ligijiet jitharsu, ghandha dejjem is-setgha li taghmel dak li hu mehtieg biex hadd ma jithalla malajr jmur minn fuq bis-sahha tal-mala fides tieghu: dan hu li jfisser il-principju fraus omnia corrumpit.*"

"Ghalkemm il-Qorti tikkoncedi illi dik is-sentenza kienet tirrigwarda l-possibilità ta' thassir ta' proceduri ta' xoljiment ta' socjetà u ghalhekk mhux sitwazzjoni identika, din il-Qorti tqis li l-principju ghandu jigi applikat ghas-sitwazzjoni odjerna fejn il-lanjanzi jirrigwardaw allegazzjonijiet ta' agir skorrett li sahansitra jinkludi frodi".

<u>L-Appell</u>

4. Permezz ta' dan l-appell ipprezentat fit-2 ta' Novembru 2015, il-konvenuti jilmentaw mill-fatt illi [1] is-sentenza appellata hija nieqsa minn motivazzjoni xierqa u rilevanti ghall-eccezzjonijiet li dwarhom inghatat tali sentenza, u illi [2] l-ewwel Qorti kellha tilqa' l-eccezzjonijiet

preliminari in kwistjoni, jigifieri l-ewwel eccezzjoni tal-konjugi Carbonaro u l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konjugi Parlato Trigona.

5. Ghalhekk talbu lill-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u, minflok, tilqa' l-eccezzjonijiet indikati fil-paragrafu precedenti u tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

6. Da parti taghhom, ir-rikorrenti wiegbu b'risposta datata 16 ta' Novembru 2015, u ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, talbu lill-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza appellata.

<u>L-Aggravji</u>

7. Permezz tal-ewwel aggravju, ir-rikorrenti jilmentaw illi s-sentenza appellata hija nieqsa minn motivazzjoni xierqa u rilevanti dwar x'wassal lill-ewwel Qorti li tiddipartixxi mit-termini tal-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanija [Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta]. Ma hemmx motivazzjoni li tindika ghaliex cahdet l-eccezzjoni tal-konjugi Parlato Trigona, li l-kawza hija irrita u nulla in kwantu tikser id-dettami tassativi tal-Artikolu 161(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Jiccitaw gurisprudenza patria in sostenn tal-fatt illi parti mid-dettami tal-gustizzja naturali jipprovdu illi s-sentenzi ghandu jkollhom ir-

raguni ghaliex it-talba tkun qed tigi milqugha jew michuda. Anke mill-organi gudizzjarji Ewropej jinsorgu l-principju illi l-motivazzjoni ta' sentenza ghandha tkun tali li tissodisfa lill-partijiet dwar il-korrettezza fattwali u guridika tar-ragunijiet li wasslu ghad-decizjoni. Id-decizjoni ghandha tkun aktar ezawrenti propjru ghaliex hi l-motivazzjoni li tipprovdi l-bazi tal-appell. Il-parti konsiderattiva tikkjarixxi u tispjega l-import tad-dispositiv li minnha jigi attestat jekk jezistux elementi idoneji ta' fatt u ta' dritt biex jiggustifikaw il-konvinciment tieghu.

9. Ir-rikorrenti jwiegbu ghal dan l-aggravju billi jghidu inter alia, illi hemm motivazzjoni cara, konciza u minghajr superfluita` fl-espressjoni, mill-ewwel Qorti illi fehmet u apprezzat is-sitwazzjoni tal-partijiet, partikolarment fejn fehmet li din mhijiex sitwazzjoni ta' kumpaniji separati izda ta' kumpaniji li warajhom u bhala proprjeta` beneficjarja huma l-istess persuni. Jghidu illi l-ewwel Qorti applikat l-attenzjoni taghha ghall-punt, ikkonsidratu u espremiet il-gudizzju taghha fuq il-punt legali nvolut u, ghalhekk ma hemm ebda nullita` formali jew sostanzjali. Jaghmlu referenza ghall-Artikolu 790 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u jissottomettu illi huwa wkoll maghruf u gurisprudenzjalment akkolt illi motivazzjoni anke jekk skarna jew xotta ma tannullax sentenza li hija sufficjentement intelligibbli lil parti biex tifimha.

Konsiderazzjonijiet

10. In tema legali ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Ian Peter Ellis u Elizabeth Scilio v. Avukat Generali et** deciza fl-24 ta' Gunju 2016, fejn gie osservat li:

> "..................... ghalkemm il-motivazzjoni f'sentenza hi ta' essenza ghall-gudizzju, mhux necessarju li l-motivazzjoni tkun wahda bilfors elaborata, u tista' tkun wahda skematika, basta li minnha tkun tista' tigi individwata r-raguni li titqieghed a bazi tad-decizjoni [App. S. Frank P. Borg Limited v. Joseph Camilleri deciza fit-28 ta' Mejju 2010]".

11. Fil-kaz odjern, din il-Qorti tinnota illi, ghalkemm huwa minnu illi l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata kienet pjuttost sintetika u ma elaboratx wisq fuq ir-ragunijiet li wassluha ghad-decizjoni taghha, pero` minn lettura tal-istess sentenza jistghu jigu individwati b'mod car u univoku, liema kienu r-ragunijiet li wasslu lill-Qorti sabiex tichad l-eccezzjonijiet preliminari in kwistjoni.

12. Rigward l-ewwel eccezzjoni tal-konjugi Parlato, li dwarha l-intimati jilmentaw illi l-ewwel Qorti ma mmotivatx ic-cahda taghha, din il-Qorti tosserva li, wara li l-ewwel Qorti kkwotat l-Artikolu 161(3) li fuqha hija bbazata l-eccezzjoni, immotivat ic-cahda taghha hekk:

> "Il-proceduri odjerni jemanaw minn sitwazzjoni komplessa ta' socjeta`jiet konnessi u l-allegazzjonijiet ta' skorrettezzi jinvolvu lil kollha kemm huma. Fid-dawl tac-cirkostanzi ghalhekk ma tistax tqis li hija gustifikata l-eccezzjoni moghtija".

13. Huwa ghalhekk car x'kienet il-motivazzjoni tal-ewwel Qorti. Hija kkonsidrat il-fatt illi l-kawzi ghandhom x'jaqsmu ma' xulxin in kwantu s-socjetajiet partijiet fil-kawza huma konnessi bir-rizultat illi anke l-provi jistghu jkunu relatati u rilevanti ghaz-zewg proceduri. L-ewwel Qorti ma specifikatx illi dan jaf ikun fl-ahjar interess tal-ekonomija tal-gudizzju u tal-ispejjez gudizzjarji, izda dan huwa implicitu fil-konkluzjoni taghha illi s-socjetajiet huma konnessi u l-allegazzjonijiet ta' skorrettezzi jinvolvu lil kollha kemm huma.

14. Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konjugi Carbonaro u t-tieni eccezzjoni tal-konjugi Parlato Trigona, in kwantu konnessi u in kwantu jirrigwardjaw l-ammissibilita` o meno tad-'*derivative action*' fid-Dritt Malti, l-ewwel Qorti trattathom flimkien u, wara li kkonsidrat gurisprudenza nostrana in materja, osservat li ma setghax jigi injorat li (fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, fejn ir-rikorrenti Vassallo huwa azzjonist fis-socjeta` Parade Limited li, minn naha taghha, hija azzjonista fis-socjeta` Windsor Holdings Limited u) fejn il-proceduri jirrigwardaw din is-socjeta`, din il-Qorti fil-kawza numru 842/09 irriteniet li, qua azzjonista ta' Parade Limited, ir-rikorrenti ma setghax jistitwixxi proceduri fit-termini tal-Artikolu 402 tal-Kap 386 stante li fil-Ligi Maltija mhijex permessa ghal azzjonist '*second tier*'.

15. L-ewwel Qorti mbaghad irreferiet ghall-osservazzjonijiet maghmula mill-Prim'Awla tal-Qorti fil-kawza **Migdal v. Mizzi**, deciza fit-18 ta' Mejju 2001:

> "Fuq kollox din il-Qorti, fil-qadi tad-dmir taghha li tara li l-ligijiet jitharsu, ghandha dejjem is-setgha li taghmel dak li hu mehtieg biex hadd ma jithalla malajr jmur minn fuq bis-sahha tal-mala fidi tieghu: dan hu li jfisser il-principju fraus omnia corrumpit".

16. F'din il-parti tas-sentenza appellata hemm il-motivazzjoni ta' x'wassal lill-ewwel Qorti ghall-konkluzjoni li tiddipartixxi mit-termini tal-artikolu precitat. Din hija materja illi ser tigi trattata fit-tieni aggravju, izda fir-rigward tal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti, din il-Qorti ma ssibx li hija nieqsa minn motivazzjoni, ghalkemm kif ser naraw aktar 'il quddiem din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti.

17. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u ghalhekk qed jigi respint.

*It-Tieni Aggravju*

18. Permezz ta' dan l-aggravju l-intimati jilmentaw mill-fatt illi l-ewwel Qorti kellha tilqa' l-eccezzjonijiet preliminari mertu tas-sentenza appellata. Jissottomettu inter alia, illi meta l-azzjoni derivattiva tigi ezercitata fis-sistema Maltija, trid issegwi l-procedura appozita kontemplata fl-Artikolu 402 tal-imsemmi Kap. Huma jikkwotaw lil

Professur Andrew Muscat li fil-ktieb tieghu *Principles of Maltese Company Law* jissenjala illi l-Artikolu 402 (3)(e) tal-Kap 386 huwa forma statutorja tal-azzjoni derivattiva.

19. Jissottomettu illi huwa principju maghruf li kumpanija ghandha personalita` guridika separata li tibqa' tissussiti sakemm l-istess socjeta` tieqaf tezisti. Id-*derivative action* giet zviluppata fir-Renju Unit bhala eccezzjoni ghar-regola stabbilita fil-kaz **Foss v. Harbottle** li socjeta` ghandha tkun hi stess attrici jew konvenuta f'kull vertenza gudizzjarja li tikkoncerna lilha. Ikomplu jispjegaw hekk l-aggravju taghhom:

> "Illi maz-zmien pero' gie zviluppat id-dritt ta' azzjonist minoritarju illi jistitwixxi azzjoni minflok is-socjeta` f'certi cirkostanzi, permezz ta' *derivative claims*, fejn membru jkun jista' jagixxi anke sabiex jipprotegi l-interessi tieghu taht l-istess socjeta` u anke sabiex jipprotegi id-drittijiet tal-istess socjeta`, u fil-fatt tali kazi kienu ormai gew rikonoxxuti gudizzjarjament hawn Malta bhal fil-kaz tad-decizjoni fl-ismijiet "E.P. Camilleri et nomine vs J.E. Mamo et nomine" (22 ta' Novembru 1939) u "Falla vs Sorotros" (A.K. 12 ta' Marzu 1976);
>
> "……………………. eventwalment il-legislatur fl-Ingilterra ipprovda ghaliha, kif ghamel wara l-legislatur taghna ukoll b'legislazzjoni ad hoc bl-artikolu 402 [l-Att XXV tal-1995];
>
> "Illi huwa appuntu l-imsemmi artikolu 402 tal-Att XXV tal-1995 (l-Att dwar il-Kumpaniji - Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdi l-metodu procedurali ta' kif ghandha issir talba minn azzjonist minoritarju minhabba dak li ghandu x'jaqsam ma unfair prejudice u derivative claims;…..
>
> "Illi s-subartikolu (3) (e) tal-istess artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji jipprovdi li:
>
>> "jekk dwar rikors maghmul skont is-subartikolu (1) jew (2), il-qorti tkun tal-fehma li l-ilment ikun bazat sewwa u li jkun gust u ekwu li hekk taghmel, il-qorti tista' taghmel ordni taht dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa - …

> *"*(e) jordna lill-kumpannija li tibda, tiddefendi, tkompli jew ma tkomplix procedimenti tal-qorti, jew jawtorizza lil membru jew membri tal-kumpannija li iibdew, jiddefendu, ikomplu jew ma jkomplux procedimenti tal-qorti fisem u ghan-nom tal-kumpannija (emfazi tal-esponenti);"

"Illi la l-legislatur Malti ha l-isbrigu sabiex jillegisla b'mod ad hoc dwar il-process procedurali li kellu jigi segwit minn azzjonist intenzjonat li xtaq jew jixtieq jressaq *derivative claim*, senjatament permezz tal-precitat artikolu 402(3)(e) tal-fuq imsemmi Att dwar il-Kumpaniji allura hija dik il-procedura li kellha tigi segwita mir-rikorrenti u l-ebda procedura ohra imnissla mill-*common law* Ingliza ghal dak li ghandu x'jaqsam ma ligi socjali ma seta' jew tista' tigi applikata fil-Qrati nostrali. Wara kollox, anke ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-ligi socjali Ingliza, b'effett mill-promulgazzjoni tal-Companies Act 1985 u sussegwentement permezz tal-promulgazzjoni tal-Companies Act 2006, azzjoni derivattiva setghet u tista' biss issir a tenur tal-provvedimenti tal-imsemmija ligijiet u ma tista' ssir l-ebda forma ohra ta' derivative claim.

"Illi …. ma jistax ikun u ma huwiex permess mill-ligi nostrali li azzjonist ta' kumpanija (f'dan il-kaz il-Perit Raymond Vassallo) jistitwixxi proceduri f'isem kumpannija li taghha huwa azzjonist (fdan il-kaz Parade Limited) minghajr il-permess tal-Bord tad-diretturi u tal-azzjonisti ta' dik is-socjeta` jew f'kaz li tali permess ma jkunx ottjenibbli, minghajr il-permess ta' dina l-Onorabbli Qorti moghti wara talba ghal daqshekk maghmula a tenur ta' l-artikolu 402(3) (e) tal-Att dwar il- Kumpaniji".

20. Ikomplu jissottomettu illi azzjoni derivattiva kif maghrufa fil-*common law* Ingiza ma tezistix hawn Malta, u li l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza li l-uniku rimedju li kellu r-rikorrent kien li juza l-procedura postulata fl-Artikolu 402(3)(e) tal-Kap 386 u dan billi jadixxi lill-Qorti kompetenti u jitlob lill-Qorti tordna u tawtorizza lill-kumpanija koncernata biex tiehu l-azzjoniiet li dik is-socjeta` tkun qed tirrifjuta li tiehu, dejjem jekk il-Qorti ssib li tali azzjoni tkun gustifikata.

21. Ikomplu jfissru hekk dan l-aggravju:

"…….. jekk il-Perit Vassallo ghandu xi pretensjoni legittimi kontra s-socjeta`jiet konvenuti jew kontra min minnhom allura ghandu kull jedd illi jghamel kawza kontrihom jew addiritura kontra kwalsiasi persuna ohra - jekk jirrizulta li ghandu l-interess guridiku biex jipproponi tali kawza. Il-Perit Vassallo pero' m'ghandux id-dritt awtomatiku li, ghannom ta' kumpannija li taghha jkun azzjonist u wiehed mid-diretturi, juzurpa jedd tal- organi demokratici taghha [il-Bord tad-Diretturi u l-Laqgha Generali] u jipprezenta proceduri kontenzjuzi bil-Qorti kontra l-appellanti odjerna. Huwa appuntu ghalhekk …… li jehtieg l-awtorita' tal-Qorti hekk kif kontemplata fil-precitata Artikolu 402(3) (e) - biex il-Qorti taghti l-barka Taghha ghat-tnidija ta' dik il-kawza fejn il-barka tal-Bord tad- Diretturi jew tal-Laqgha Generali tal-Kumpannija tkun mankanti. ..

"Illi, la l-azzjoni odjerna …. kif imniddija bir- rikors promotur bl-ebda mod ma tista' tikkwalifika bhala wahda a tenur ta' l-artikolu 402 tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta) u lanqas ma giet awtorizzata mill-organi kompetenti ta' Parade Limited u ta' Windsor holdings Limited u anke peress illi l-kawzalijiet tant huma konfuzi u mhux relatati, allura l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha ssib li din il-kawza ma setghatx issir, u permezz tas-sentenza taghha tas- 26 ta' Mejju 2015 kellha tilqa l-eccezzjonijiet precitatati tal-appellanti odjerni u tirrigetta interament it-talbiet rikorrenti u tirrifjuta li tindaga aktar fl-allegazzjonijiet u talbiet spurji tal-Perit Vassallo u martu…..

"L-Ewwel Onorabbli Qorti (forsi) bi zball abbraccat dak li qalet l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tat-18 ta' Mejju 2001 fil-kawza ***"Migdal vs Mizzi"*** li *"Fuq kollox din il-Qorti, fil-qadi tad-dmir taghha li tara li lligijiet jitharsu, ghandha dejjem is-setgha li taghmel dak li hu mehtieg biex hadd ma jithalla malajr jmur minnjuq bis-sahha tal-mala fides tieghu: dan hu li jfisser il-principju fraus omnia corrumpit:"'.* Jidher b'mod lampanti li l-ewwel Qorti (li qisa' gja ghamlitha fatta li tezisti dan il-malafidi u anke frodi minn-naha tal-esponenti) ma fhemitx li dejjem kien hemm rimedju ghad-dispozizzjoni tal-Perit Vassallo et - dak stipulat fl-artikolu 402(3)(e) tal-Att Dwar il-Kumpanniji - u li kien jkun proprju fl-atti ta' tali proceduri sewwa maghmula skont l-imsemmi artikolu 402(3)(e) li l-Qorti kien jkollha s-setagha li tinvestiga u tarbel dwar jekk kien jirrizulta dan l-allegat "mala fides" u/jew frodi u anke jekk l-agir u l-interess ta' min jghamel it-talba jkun tajjeb, genwin u veritier u a beneficju tas-socjeta`. [Ir-rikorrenti] pero' ghazlu li ma juzawx din il-procedura lilhom moghtija bil-ligi. Proprju ghalhekk, l- Ewwel Onorabbli Qorti kienet ferm zbaljata li meta decidiet li ghandha tibqa' tiehu konjizzjoni dwar dawn l-ilmenti spurji kollha li saru bil-mod li saru u bil-procedura hazina li giet uzata u li di sua sponte tiddispensa ghal kollox mill-awtorita' mandatorja tal-Qorti li kellha tinghata f'atti separati QABEL ma giet prezentata kawza bhal dik odjerna".

22. Ir-rikorrenti jwiegbu inter alia, illi l-kitba akkademika la hija fonti diretta tad-dritt u lanqas ghandha tissostitwixxi l-gudizzju u l-interpretazzjoni awtonoma tal-Qorti. Jghidu li hemm differenza fondamentali bejn l-*unfair prejudice remedy* a tenur tal-Artikolu 402 tal-Kap 386 u d-*derivative action*. Jissottomettu li fis-sentenza li saret referenza ghaliha l-Qorti strahet kwazi kompletament fuq kitba akkademika tal-Professur Andrew Muscat, izda huma tal-fehma illi l-Qorti ghamlet qari zbaljat ta' dak il-kontribut.

23. Ir-rikorrenti jaghmlu referenza ghal numru ta' sentenzi in materja u jkomplu jispjegaw hekk l-aggravju taghhom:

> "Ghal riferenza aktar facli, jigu riprodotti il-brani rilevanti mis-sentenzi. *Mixkuka Limited vs G. Mangion pro et noe et.*[2] Gie eccepit ezattament dak li nghad issa cioe` illi l-azzjoni derivattiva ma tezistix fil-ligi nostrali. Il-Qorti cahdet l-eccezzjoni u ammettiet ezistenza ta' l-azzjoni u hekk irriteniet:
>
> > "Illi dwar l-ewwel mistoqsija, il-kumpannija attrici tghid li l-azzjoni mressqa minnha hija dik maghrufa bhala azzjoni derivattiva li ssir minn azzjonist ta ' kumpannija biex issewwi xi ingustizzja li tkun saret lill-kumpannija li taghha huwa membru (normalment din trid tikkostitwixxi ghamil li jqarraq bl-azzjonisti minoritarji). L-azzjoni titressaq minn azzjonist tal-kumpannija f'isimha u dan fejn ma jkunx prattiku li l-kumpannija nnifisha taghmel dan. Dan igib mieghu l-effett li l-kumpannija nnifisha tkun parti fl-azzjoni. Awturi maghrufa jzidu jghidu li *"the company must be made a defendant in the action. ... The company cannot, in fact, be the plaintiff, because neither of its organs - the board of directors and the general meeting - will authorise suit by it. As the next best thing, the court insists upon its being made the nominal defendant. So long as the company is a party, judgment can be given in its favour, and any decision in the case becomes res judicata so far as the company is concerned... "*
> >
> > "Illi f 'awturi ohrajn il-qaghda procedurali korretta dwar azzjoni bhal dik migjuba 'l quddiem mill-kumpannija attrici hija mfissra hekk: *"The claimant in derivative proceedings will always be the shareholder who*

[2] PA(JRM) 24.04.2003

*seeks to bring the action on behalf of the company. The fact that the company is under the control of the alleged wrongdoers who will not lend the company's name to the proceedings is accordingly not only an essential element in establishing the shareholder's right to bring a derivative claim, but also provides a practical explanation as to why the company does not feature in the proceedings as claimant. However, the company must be made party to the proceedings as a defendant to the claim. ... In addition to the company, there should also be joined as defendants to the proceedings all the parties against whom relief is sought for the wrongs done to the company. "*

"Illi jidher li kwestjonijiet ta ' din l-ghamla qamu wkoll quddiem il- Orati taghna, li jidhru li qiesu li azzjoni bhal din tista ' ssir fis-sistema legali Malti. F'kazijiet li tnisslu qabel ma dahal fis-sehh l-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji, kien maghruf li biex tista ' titmexxa 'l quddiem l-azzjoni derivattiva l-attur ried juri, qabel kull hag' ohra ghas-sudisfazzjon tal-Qorti, li ma kellux rimedji ohrajn x'jiehu jew li, jekk kellu, ezawrihom inutilment. F'kawzi li saru wara, gie accettat li azzjonista jista f'cirkostanzi eccezzjonali, ikollu dritt li jiftah kawza biex ihares l-interess tal-kumpannija li fiha jkollu sehem, ukoll jekk azzjoni bhala din hija normalment tal-kumpannija: u li, f'kaz bhal dan, jista ' jharrek fil-vesti personali tieghu ta ' azzjonist lill-istess kumpannija li fiha huwa membru.[3] Fil-kazijiet kollha, tqies li l-azzjoni derivattiva kienet wahda ta ' natura partikolari, u ghalhekk kienu japplikaw ghaliha regoli mfasslin ghan-natura eccezzjonali taghha. "

"Illi dan il-bran ghalhekk jispjega diversi punti dwar il-procedura korrenti. L-ewwel haga huwa pronunzjament awtorevolment spjegat, li accetta l-azzjoni derivativa, kemm qabel u wara l-Companies Act 1995 nostrali. Inoltre, din is-sentenza tat il-linji gwida ghal-*locus standi* tal-partijiet, azzjonist aktarx minoritaiju fil-vesti tieghu ta' azzjonist u, eccezzjonalment fisem il-kumpanija, bhala atturi. Bhala konvenuti hemm mhux is- socjeta` izda wkoll dawk il-persuni li kontra taghhom qed issir l-allegazzjoni ta' danni, pregudizzju etc. Huwa interessanti illi f din il-kawza, l-istess difensuri li qedin pleading li ma tezistix din l-azzjoni argumentaw b'success favur l-ezistenza u l-enforzabilita' taghha.

"Illi hemm punt iehor rilevanti, ukoll relatat mat-tieni u t-tielet aggravji. Posizzjoni li torbot l-azzjoni derivativa ma' l-art 402 qeghda tillimita u torbot minghajr gustifikazzjoni l-iskop ta' l-azzjoni derivativa. Minghajr dubju hemm sferi kif rikonoxxut mill-Qrati taghna, illi kull wiehed mir-rimedju huwa proponibbli, - *Calleja v Calleja*[4] citata supra. Minn dan ma jsegwix illi l-azzjoni derivativa hija biss ezercitabbli fil-kuntest meta t-*thresholds* u *requirements* tal-art 402 tal-Companies Act huma sodisfatti. Ma hemm ebda gustifikazzjoni, u lanqas gabet gustifikazzjoni, ghal dan ir-ragunament l-ewwel Qorti; din il-posizzjoni ma ssib ebda fondament fil-ligi u lanqas fil-prassi

[3] Enfasi mizjuda.
[4] PA [JRM] **Joseph Calleja v. Vincent Calleja**, deciza 8 Lulju 2004

Ingliza/Commonwealth. Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet quddiem l-ewwel Qorti, punt rikonoxxut minnha stess, l-esponenti elabora illi l-iskop taz-zewg rimedji huwa diversi.

"Kif diversi awturi u/jew juristi Inglizi/Awstraljani jikkonfermaw, fosthom l-awturi prominent Victor Joffe & Daniel Lightman fl-ktieb 'Minority Shareholders: Law, Practice and Procedure' Third Edition, Oxford University Press, l-azzjoni derivattiva statutorja kontemplata bhala rimedju f 'kaz ta' unfair prejudice taht is-Section 461 (1C) (ilium is-Section 996 (20 ta' l-Companies Act, 2006) m'hijiex l-iktar arma effettiva ghall-azzjonist minoritarju fir-rigward ta' corporate wrongs. Huma jghidu hekk: 'The effect of this provision is to enable the court to make an order permitting a successful petitioner under Section 994 CA 2006 to bring a derivative claim on behalf of the company. However, the provision is little used The reason for the unpopularity of the remedy is doubtless delay and expense, before the petitioner will be in a position to bring derivative proceedings under Section 966 (2C) (u fil-kuntest Malti taht is-subartikolu 402 [3][e] he will have to litigate his petition to a conclusion, (a process which may take at least several months) at what is likely to prove a considerable expenditure on legal and other costs'".

24. Jissottomettu wkoll illi jekk din l-azzjoni derivattiva ma tigix ammessa, huma jispiccaw minghajr rimedju. Jaghmlu referenza ghall-proceduri l-ohra li ntraprendew u li gew lilhom michuda in sostenn tal-fatt illi l-ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet illi jekk tigi lilhom michuda din l-istanza, huma jisfaw minghajr rimedju.

*Konsiderazzjonijiet*

25. Qabel ma din il-Qorti tghaddi sabiex tissenjala certu fatti kif johorgu mir-rikors promotur huwa opportun ghall-ahjar intendiment tal-vertenza jew vertenzi in ezami li jigi spjegat ir-rwol tal-persuni indikati fl-okkju vis-à-vis il-kumpanija wkoll hemm indikati.

26. Ir-rikorrent Vassallo u l-intimat Parlato Trigona ghandhom 50% shares kull wiehed fis-socjeta` Parade Limited li minn naha taghha ghandha 50% shares fis-socjeta` Windsor Holdings Limited. L-intimati Carbonaro, flimkien mas-socjeta` Dryal Ltd. ghandhom il-50% shares l-ohra fis-socjeta` Windsor Holdings.

27. Fir-rikors promotur ir-rikorrenti jispjegaw li l-azzjoni odjerna kif proposta minnhom hija l-azzjoni derivattiva klassika maghrufa fil-*Company Law* Ingliza u accettata mill-ligi nostrali. Essenzjalment il-lanjanza generali tar-rikorrenti hi illi qed isiru abbuzi fil-kumpanija Parade Limited mid-direttur l-iehor u li mhux qed jittiehdu passi fl-interess tal-kumpanija. Minflok, l-assi tal-kumpanija qed jigu dissipati permezz ta' agir abbuziv anke fir-rigward tas-socjeta` sussidjarja Windsor Holdings Limited fejn is-socjeta` Parade Limited ghandha 50% tal-ishma u fejn jirrisjedi l-parti kbira tal-patrimonju taghha. Ir-rikorrenti jispjegaw u jsostnu li l-lanjanza taghhom hija diretta lejn it-tmexxija tas-socjeta` Parade Limited u li r-rikorrent Vassallo, bhala azzjonist f'Parade limited qed jagixxi sabiex jipproteggi l-interessi ta' din is-socjeta` mill-abbuzi tad-direttur u l-azzjonist l-iehor l-intimat Parlato Trigona.

28. Ir-rikorrenti jispjegaw li huma kellhom jaghmlu din il-kawza b'konsegwenza ta' dak li gie deciz minn din il-Qorti fil-kawza [nru.842/09] fl-ismijiet **Raymond Vassallo et v. Anthony Parlato Trigona et**, fejn

gie deciz li, filwaqt li l-Perit Raymond Vassallo kellu dritt u interess li jitlob ir-rimedju f'Parade Limited billi huwa membru taghha, izda bhala azzjonist f'din is-socjeta` huwa ma setghax jistitwixxi azzjoni taht l-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji fir-rigward tas-socjeta` Windsor Holdings Limited billi l-interess tieghu f'din is-socjeta` ma kienx ta' membru dirett izda bhala *second tier*. Skont ir-rikorrent dan kien interess bizzejjed sabiex jaghmel l-azzjoni derivattiva odjerna.

29. Inoltre, huwa qed jaghmel l-azzjoni prezenti anke qua direttur ta' Parade Limited u ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tissanzjona "dan it-tieni locus standi" jigifieri bhala direttur u rapprezentant gudizzjarju ta' Parade Limited u f'isem din is-socjeta`.

30. Permezz tal-proceduri odjerni r-rikorrenti qed jitolbu li l-Qorti tikkundanna lill-intimati jew min minnhom talli kkawzaw danni, li ghandhom jigu likwidati mill-istess Qorti, lis-socjeta` Parade Limited u lis-socjeta` sussidjarja Windsor Holdings Limited.

31. Ghaldaqstant l-intimati jsostnu li, l-ewwel Qorti kellha tilqa' l-ewwel eccezzjonijiet preliminari tal-konjugi Carbonaro u l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-konjugi Parlato.

32. L-ewwel eccezzjoni tal-konjugi Carbonaro u t-tieni eccezzjoni tal-konjugi Parlato Trigona huma konnessi u permezz taghhom l-intimati jikkontestaw il-fatt illi l-azzjoni kif proposta hija legalment insostenibbli in kwantu r-rikorrenti ghazlu li jressqu azzjoni derivattiva lil hinn mir-rekwiziti imposti mill-Artikolu 402, li hija l-unika forma ta' *derivative action* li hija ammissibbli fis-sistema gudizzjarja Maltija.

33. Din il-Qorti tosserva illi jirrizulta pacifiku, mill-ewwel premessa tar-rikors promotur tar-rikorrenti, illi l-azzjoni odjerna hija wahda derivattiva [*derivative action*]. Jirrizulta wkoll minn qari tal-istess rikors promotur, illi huwa minnu dak eccepit mill-intimati, illi ghalkemm l-azzjoni hija wahda derivattiva, mhijiex impostata skont it-termini tal-artikolu precitat.

34. Hija ghalhekk il-fehma ta' din il-Qorti illi d-determinazzjoni ta' dawn l-eccezzjonijiet ticcentra necessarjament fuq stharrig dwar jekk fis-sistema guridika Maltija hijiex ammissibbli azzjoni derivattiva lil hinn mid-dettami tal-Artikolu 402 [e], jew jekk dik statutorja hijiex l-unika forma ta' azzjoni derivattiva permessa fid-dritt Malti.

35. L-Artikolu 402, fil-parti relevanti tieghu, jghid hekk:

> "402. (1) Kull membru ta' kumpannija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju, ghal membru jew membri

jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali, jista' jaghmel rikors lill-qorti ghal ordni taht dan l-artikolu.

"(2) Meta r-Registratur ikun irċieva rapport fuq kumpannija taht l-artikolu 410 u dan ikun jidhirlu li l-affarijiet tal-kumpannija qed jitmexxew jew ikunu tmexxew b'mod
li jaqghu taht it-tifsir tas-subartikolu (1), hu jista' jaghmel rikors lill-qorti ghall-hrug ta' ordni taht dan l-artikolu.

"(3) Jekk dwar rikors maghmul skont is-subartikolu (1) jew (2), il-qorti tkun tal-fehma li l-ilment ikun bazat sewwa u li jkun gust u ekwu li hekk taghmel, il-qorti tista' taghmel ordni taht dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa".

…………………………. Omissis …………………………..

"(e) jordna lill-kumpannija li tibda, tiddefendi, tkompli jew ma tkomplix proċedimenti tal-qorti, jew jawtorizza lil membru jew membri tal-kumpannija li jibdew, jiddefendu, ikomplu jew ma jkomplux proċedimenti tal-qorti f'isem u ghan-nom tal-kumpannija; jew…"

"(5) Ordni maghmul taht dan l-artikolu jista' jehtieg lil kumpannija biex ma taghmilx xi emenda, jew li taghmel emenda mehtiega, fil-memorandum jew fl-istatut taghha.

"(6) F'dan l-artikolu, il-kelma "membru" tinkludi persuna li legalment tista' tirrapprezenta l-interessi ta' membru mejjet, persuna li ghandha jkunu ghaddew legittimament azzjonijiet fil-kumpannija b'wirt testamentarju jew mhux testamentarju, u trustee kif imfisser fl-artikolu 127 li jkollu azzjonijiet fil-kumpannija".

*L-Azzjoni Derivattiva fis-Sistema Guridika Ingliza*

36. Din il-Qorti thoss li harsa lejn kif zviluppat l-azzjoni derivattiva fid-Dritt Ingliz hija opportuna ghax il-paragun bejn iz-zewg sistemi jitfa' dawl dwar ir-razzjonal ta' din il-parti tal-ligi, kemm fid-Dritt Ingliz kif ukoll fid-Dritt Malti.

37. L-azzjoni derivattiva giet zviluppata sabiex tkun ta' salvagwardja u ta' protezzjoni ghall-azzjonisti ta' socjeta` kummercjali, b'mod partikolari ghal dawk li huma minoritarji. Din l-azzjoni hija ispirata minn principji ta' ekwita' u sabiex ikun jista' jinghata rimedju lill-membri kollha ta' socjeta` kummercjali, partikolarment f'kazijiet ta' frodi jew attivita` illegali da parti tar-rapprezentanti tal-istess socjeta`. Din hija eccezzjoni ghar-regola assodata fil-kamp kummercjali hekk imsejha '*proper plaintiff principle*'[5] li tghid illi meta jkun sar dannu lil kumpanija, hija l-kumpanija nnifisha li ghandha tressaq l-azzjoni. Is-segwenti bran jipprovdi sunt ta' kif zviluppat l-azzjoni fis-sistema guridika Ingliza:

> "The common law derivative action developed to provide a remedy for a company where the company had suffered a wrong but the wrongdoers were in control of the company, and preventing it from initiating an action against them in respect of that wrong. In such circumstances, the courts permitted individual shareholders to bring an action on the company's behalf. This constituted an exception to the rule that, where a wrong is done to the company, the company, as a separate legal entity, is the proper claimant in respect of that wrong. The courts tolerated the exception in order to do justice to the company.
>
> "However, the courts were wary of vexatious and disruptive litigation by minority shareholders. Consequently, even if the company had a good claim against the alleged wrongdoers, an action brought on the company's behalf by a minority shareholder would not succeed unless the shareholder could establish standing to sue on the company's behalf. The rules on standing were restrictive: the shareholder had to bring himself within the exception to the rule in *Foss v Harbottle*,[6] and demonstrate that there was a prima facie case on the merits that there had been a "fraud on the minority", which could not be ratified by the shareholders in general meeting, and also that the company was under wrongdoer control.[7] Furthermore, because the minority shareholder's ability to bring the derivative action has been viewed by

[5] Dan il-principju gie stabbilit fid-decizjoni **Foss v. Harbottle** (1843), 2 Hare 460, 67 E.R. 189 u hija ghalhekk ukoll imsejha *Foss v Harbottle Rule*.
[6] (1843) 2 Hare 461; 67 E.R. 189
[7] Prudential Assurance Co Ltd v Newman Industries Ltd [1982] Ch. 204 at 221–222

the courts "as a matter of grace",[8] even if the shareholder managed to satisfy these requirements, he would still be refused permission if the court took the view that permission should not be granted to that particular shareholder because of attributes which were personal to him.[9] Thus, the courts would not permit the shareholder to pursue the action if it was not being brought bona fidi, or there was another remedy available to him. In addition, in a somewhat controversial development, in *Smith v Croft* (No.2), Knox J. held that where an independent majority of the minority shareholders did not wish a derivative action to proceed, the action would be barred.[10]

"It was not, however, until Prudential Assurance Co Ltd v Newman Industries Ltd ("Prudential")[11] that it was established that the question of the shareholder's standing to sue had to be settled as a preliminary matter.[12] Then, in 1994, the Rules of Court were amended to require shareholders to seek leave of the court to pursue a derivative action.[13] So, the requirement in the Act for permission to continue an action is not altogether new. At both common law and under the Act, leave must be sought early, after issue of the claim form, and before taking any other step in the proceedings[14] although, in contrast to the procedure governing the common law action, the new procedural rules governing the statutory action do not set out a time limit within which the application must be issued.[15] At common law this had to occur within the time period for service of the claim form, being within four months of issue of the claim form for service within the jurisdiction and six months without.[16]

"The statutory derivative action completely replaces the common law. Shareholders are no longer required to establish either wrongdoer control or a fraud on the minority. Instead, they must satisfy the courts that the permission criteria set out in the Act are met".[17]

---

8 Mumbray v Lapper [2005] EWHC 1152 (Ch); [2005] B.C.C. 990 at [2] citing Gower, Modern Company Law, 4th edn (1979), at p.652.

9 Payne, "Clean Hands in Derivative Actions" [2002] C.L.J. 76 at 81

10 Smith v Croft (No.2) [1988] Ch. 114 at 184–185

11 [1982] Ch. 204.

12 At 221

13 RSC Ord.15 r.12A

14 RSC Ord.15 r.12A which required that the application had to be made within 21 days of intention to defend being given. This was superseded by CPR r.19.9(3)). The common law procedure is discussed in Reed, "Derivative Claims: The Application for Permission to Continue" (2000) 21 Co. Law 156.

15 Redrafted CPR r.19.9 and r.19.9A, which requires that the company be notified of the claim and application as soon as reasonably practicable after issue of the claim form. http://www.justice.gov.uk/civil/ procrules fin/contents/frontmatter/si update45 preview.pdf [Accessed April 11, 2008]. This came into effect from October 27, 2007.

16 CPR r.19.9(5); CPR r.7.5

17 Keay & Loughrey, *'Something old, something new, something borrowed: an analysis of the new derivative action under the Companies Act 2006'* July 2008 Law Quarterly Review Vol 124 p. 475-477

38. Minn dan is-sunt jirrizulta b'mod car illi l-legislatur Ingliz hass il-bzonn li jirregola d-*derivative action*, in kwantu hija rimedju hekk eccezzjonali u straordinarju fil-ligi tal-kumpaniji. Tali azzjoni hija issa regolata bil-ligi, precizament bl-Artikoli 260-264 tal-*Companies Act 2006*.

39. Jirrizulta wkoll illi:

> "The 2006 Act further provides that derivative claims may be brought by way of a petition under section 994, which is concerned with unfairly prejudicial conduct of the company's affairs. The effect of section 996(2)(c) is to enable the court to order a derivative claim if a petition under section 994 is brought on the grounds that the company's affairs are being or have been conducted in a manner prejudicial to the interests of the members generally, or some part thereof, is successful".[18]

40. L-istharrig li trid taghmel din il-Qorti ghad-determinazzjoni ta' dan il-gudizzju huwa jekk fis-sistema nostrana, azzjoni ta' natura derivattiva hijiex permissibbli biss fil-kuntest tal-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji.

41. Din il-Qorti tosserva illi l-linja ta' hsieb li tirrizulta ormai accettata fil-gurisprudenza taghna hija li galadarba l-legislatur Malti irregola b'ligi ad hoc dwar kif ghandha tingieb azzjoni derivattiva, huma d-dispozizzjonijiet tal-ligi taghna li ghandhom jigu applikati, u ghalhekk tali azzjoni tista' tigi ezercitata biss skont ir-rekwiziti jew forma kontemplati

[18] Frank Wooldridge and Liam Davies, **Derivative claims under UK company law and some related provisions of German law**, Amicus Curiae, Issue 90, Summer 2012

fl-Artikolu 402 [e] li jikkontempla derivative action fil-kuntest tal-*unfair prejudicial remedy*.

42. Fil-ligi socjetarja Ingliza, id-*derivative action* li kienet tezisti fil-*common law*, giet regolata b'mod statutorju permezz tal-Companies Act 2006. Fil-Ligi Maltija, ghalkemm il-legislatur kien jaf bl-ezistenza tal-*common law derivative action*, iddecieda li ma jinkorporahiex bhal ma ghamel il-legislatur Ingliz, izda introduca l-Artikolu 402 bhala forma ta' azzjoni derivattiva, u ghalhekk tali azzjoni tista' tigi ezercitata biss fil-parametri tal-artikolu precitat – *quod lex voluit lex dixit.*

43. In tema legali din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **Gordon Mizzi et v. Dr John C. Grech et** deciza fid-29 ta' April 2008, fejn din il-Qorti osservat:

> "24. Il-Qrati Maltin kemm-il darba irriferew ghall-gurisprudenza kif giet zviluppata fl-Ingilterra ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-drittijiet ta' azzjonijisti, u specjalment ghar-regola stabbilita fil-kaz *Foss v. Harbottle*[19] u l-eccezzjonijiet ghaliha. Irid jinghad ukoll li xi awturi esprimew id-dubji taghhom jekk ir-rikonoxximent tal-kuncett ta' l-azzjoni derivattiva mill-Qrati Maltin huwiex kompatibbli mal-ligi tal-procedura Maltija.[20] Pero` din il-Qorti ma tarax li ghandha tidhol f'din il-kwistjoni ghall-fini tal-kawza odjerna, u dan ghal zewg ragunijiet.
>
> "25. L-ewwel nett skont il-kuncett ta' azzjoni derivattiva kif zviluppat fil-Ligi Ingliza, ghalkemm huwa l-azzjonista minoretarju li jipprezenta azzjoni derivattiva, kwalunkwe beneficcju li jista' jigi ottenut mill-eventwali sentenza imur a favur tal-kumpanija u mhux ta' l-azzjonista nnifsu. Ghalhekk azzjoni derivattiva tista' ssir biss minn persuna li tkun azzjonista fil-kumpanija li allegatament tkun giet jew tkun se tigi pregudikata, meta din il-kumpanija ma tkunx tista' tissalvagwardja l-

[19] (1843) 2 Hare 461
[20] Ara Muscat op. cit. pag. 901 footnote 105.

posizzjoni taghha ghax tkun kontrollata fil-maggoranza minn azzjonisti ohra. …

"26. Fi kwalunkwe kaz, u fit-tieni lok, l-Att dwar il-Kumpaniji ta' l-1995 introduca rimedju statutorju – l-Artikolu 402 biex jipprotegi lill-azzjonisti minn agir oppressiv u diskriminatorju, u/jew agir allegatament illegali fil-konfront tal-kumpanija mill-persuni li jkunu fil-kontroll tal-kumpanija. Fil-fatt fil-ktieb tieghu il-Professur Muscat[21] jghid hekk:

> "It should also be noted that article 402(3)(e) of the Companies Act contemplates a statutory form of derivative action. The court is in fact empowered by the provisions to authorise *"a member or members of the company to institute, defend, continue or discontinue court proceedings in the name and on behalf of the company."* The disadvantage is that a member would have to institute two actions: one to obtain authorisation and then the one in the name and on behalf of the company."

"27. Ghalhekk din il-Qorti taqbel ma dak li rriteniet l-ewwel Qorti li l-Artikolu 402(3)(e) ta' l-Att dwar il-Kumpaniji huwa l-verzjoni Maltija ta' l-azzjoni derivattiva. Ladarba llum il-gurnata l-legislatur Malti irregola b'mod statutorju l-azzjoni derivattiva, huma d-disposizzjonijiet tal-ligi Maltija rilevanti li ghandhom jigu applikati. L-Artikolu 402(1) jipprovdi li rrimedji kontemplati fl-Artikolu 402(3) – li jinkludi anki l-verzjoni Maltija ta' l-azzjoni derivattiva – jistghu jigu esercitati biss minn kull membru tal-kumpanija. Ladarba l-appellanti huma biss azzjonisti fis-socjeta`jiet appellati Demoncada Ltd. u Demoncada Holdings Ltd., huma prekluzi li jezercitaw l-azzjoni derivattiva kif kontemplata fl-Artikolu 402(3) fil-konfront tas-socjeta`jiet appellati l-ohra."

44. Gie osservat hekk mill-Prim'Awa tal-Qorti Civili fil-kaz **George Borg v. Primrose Poultry Products et** deciza 16 ta' Jannar 2012:

"Mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-vantaggi u zvantaggi ta' l-intervent legislattiv kif twettaq. Dak huwa kompitu tal-akkademici. Ir-rwol preciz tal-Qorti huwa li tinterpreta l-ligi kif inhi u tapplikaha b'gustizzja. Mhuwiex il-kompitu taghha li tintraprendi spedizzjonijiet fl-incert. Anzi huwa d-dmir taghha li tinterpreta bis-sewwa biex tistabilixxi c-certezza u mhux tfittex jew tnissel l-incertezza a skapitu tal-gustizzja.

"Din il-Qorti hija tal-fehma konvinta illi kieku l-legislatur ried tassew jestendi d-drittijiet tal-"membru" sal-limiti li l-attur qieghed jippretendi li ghandhom ikunu huwa kien ighid hekk fil-ligi stess u mhux ihalli kollox ghall-interpretazzjoni. Tant il-Qorti hija konvinta minn dan illi kif diga` rajna fl-Ingilterra, il-legislatur ghamel qabza ta' kwalita' bejn il-

[21] Op. cit. pagna 916 footnote 157

Companies Act 1985 u l-Companies Act 2006. Fl-Act tal-ahhar, dahhal disposizzjoni ad hoc li kjarament tmur ben oltre dak kontemplat fl-Art 402 taghna. Il-legislatur Malti ma ghamilx dak il-pass.

"Din il-Qorti tifhem li forsi raguni ghala l-*statutory form* of the *derivative action* dahlet mill-legislatur Malti fl-ambitu tal-Art 402 setghet kienet ukoll dik moghtija minn Lord Justice James fi "Gray v Lewis" diga` citata minn Boyle & Birds Company Law (op. cit.) u cioe` li jirriafferma l-principju *illi any body corporate is the proper plaintiff in proceedings to recover its property sabiex ma jkunx hemm the obvious danger of a multiplicity of shareholders` suits in the absence of a rule such as "Foss v Harbottle"*.

"Il-Qorti tghid illi bil-procedura stabbilita mil-legislatur Malti, il-"membru" jaf fejn hu. L-Art 402(1) jaghti lill-"membru" dritt ta' azzjoni fil-kaz illi t-tmexxija tal- "affarijiet tal-kumpannija" jirrizulta li jkunu qeghdin jitmexxew bil-mod kontemplati fl-istess subinciz. Il-Qorti tara l-ghaqal tal-legislatur illi tant wessa` l-ilmenti ghad-disposizzjoni tal-"membru" li purche` jaghmel il-prova sal-grad rikjest mil-ligi illi r-rimedji li jista' jitlob u li huma fid-diskrezzjoni tal-Qorti huma wiesa` bizzejjed biex jinkludu l-paragrafu (e). It-tutela tal-"membru" hija ben riposta bl-assjem tal-Art 402 u kwindi ma hemm ebda kwistjoni ta' *"derivative action"* x`tigi ntavolata addirittura in aggunta ma` dak illi l-legislatur Malti ried jeskludi bil-mod kif fassal u kiteb l-Art 402 tal-Kap 386."

45. Fir-risposta tal-appell taghhom, ir-rikorrenti jiccitaw gurisprudenza nostrana in sostenn tal-argument taghhom illi l-azzjoni derivattiva giet ammessa u rikonoxxuta mill-Qrati taghna, indipendentement mill-Artikolu 402 tal-Kap 386. Din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet in rigward.

46. Dwar is-sentenza preliminari li minnha kkwotaw ir-rikorrenti **PA Mixkuka Limited v. G. Mangion pro et noe** 24 ta' April 2003, jinghad fl-ewwel lok illi din is-sentenza qeghdha tistenna l-ezitu ta' appell u ghalhekk ghadha ma ghaddietx in gudikat, u fit-tieni lok din il-Qorti tosserva wkoll illi fis-sentenza preliminari kkwotata, fl-ebda mument il-

Qorti ma qalet illi l-azzjoni derivattiva tista' tingieb indipendentement mill-ambitu tal-Artikolu 402. Ghall-kuntrarju, hija ddistingwiet bejn is-sitwazzjoni qabel id-dhul fis-sehh tal-Att dwar il-Kumpanija, u dik wara d-dhul fis-sehh tal-Att dwar il-Kumpaniji, u di konsegwenza wara d-dhul fis-sehh tal-Artikolu 402. Irrikonoxxiet ghalhekk il-bidla li tali att gab mieghu, u ghamlitha cara illi "*Fil-kazijiet kollha, tqies li l-azzjoni derivattiva kienet wahda ta' natura partikolari, u ghalhekk kienu japplikaw ghaliha regoli mfasslin ghan-natura eccezzjonali taghha*"*.*

47. Fir-rigward tas-sentenza **PA Joseph Calleja pro et noe v. Vincent Calleja** 8 ta' Lulju 2004, din il-Qorti tinnota fl-ewwel lok illi l-azzjoni kienet wahda mfassla fuq l-Artikolu 402 u meta l-Qorti ccitat b'approvazzjoni awtorita' Ingliza kif jissottomettu r-rikorrenti, dan kienet qed taghmlu sabiex tkun "*qieset ukoll x'ghandhom xi jghidu l-awtoritajiet dwar il-ligi minn liema l-artikolu 402 taghna huwa mirut*"*. (pg 9)*

48. Ir-rikorrenti jghidu li fil-kawza **Arkitett Vassallo et v. Anthony Parlato Trigona et** deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Gunju 2011 il-Qorti ghamlet distinzjoni bejn il-*common law derivative action* u l-azzjoni taht l-Artikolu 402 tal-Kap 386; izda din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok illi, ghalkemm tali distinzjoni tezisti, hija l-ammissibilita` o meno tal-azzjoni derivattiva impostata lil hinn mill-Artikolu 402 illi qed tigi kontestata. Fit-tieni lok f'dik il-parti iccitata, il-Qorti kienet qed tistharreg l-eccezzjoni tal-

intimati li, ghalkemm dikjarata bhala wahda taht l-Artikolu 402 tal-Kap 386, l-azzjoni tar-rikorrenti giet impustata u riferita bhala '*common law derivative claim*'. Ma kenitx qed tesprimi ruhha fuq l-ammissibilita` o meno ta' azzjoni derivattiva li ma tkunx ai termini tal-Artikolu 402, izda kienet qed tesprimi gudizzju fuq l-impostazzjoni tal-kawza li kellha quddiemha.

49. Stabbilit dan kollu, din il-Qorti f'dawn il-proceduri tirribadixxi illi ladarba l-legislatur taghna inkorpora l-elementi tad-*derivative action* f'dak li hu llum l-Artikolu 402 tal-Kap 386, allura jsegwi, anki abbazi tal-gurisprudenza kollha hawn fuq citata, tali azzjoni ma ssibx ezistenza indipendenti mill-provvedimenti tal-Artikolu 402.

50. Lanqas ma tista' tigi ammessa azzjoni li ma tezistiex fid-Dritt Malti minhabba l-affermazzjoni tar-rikorrenti illi jekk tali azzjoni tigi michuda, huma jisfaw minghajr rimedju. Ma jispettax lill-Qorti illi tipprovdi rimedju alternattiv ghal xi parti jew ohra jekk mhux kontemplat fil-ligi. Id-dmir tal-Qorti huwa li taghti gudizzju ai termini tal-ligi u mhux legalment konsentit li qorti li, minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, tiddikjara bhala ammissibbli azzjoni li ma tinkwadrax fis-sistema legali taghna.

51. Fil-kaz odjern l-azzjoni hija legalment improponibbli ghax ir-rikorrent Raymond Vassallo f'ismu proprju et nomine ma setghax

jistitwixxi proceduri barra mill-parametri tal-Artikolu 402, kif jirrizulta manifestament li sar fil-kawza odjern. Huwa ma setghax f'ismu proprju iressaq azzjoni [bhala *second tier*] kontra Windsor Holdings Limited la darba mhuwiex membru tal-istess kumpanija; ukoll f'ismu proprju ma setghax iressaq proceduri ghan-nom ta' Parade Limited minghajr il-kunsens tad-direttur l-iehor Parlato Trigona wiehed mill-intimati jew/alternattivament minghajr ma jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jipprocedi kontra l-istess kumpanija kif prevvist fl-Artikolu 402 (3)[e] tal-imsemmi kap; ukoll l-azzjoni odjerna hija improponibbli ghax ma jistax legalment f'kawza parti tkun attrici u konvenuta fl-istess hin.

52. Ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni tal-konjugi Carbonaro u t-tieni eccezzjoni tal-konjugi Parlato Trigona qed jintlaqghu, b'dan illi l-azzjoni kif impostata qed tigi dikjarata irrita u nulla.

53. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata u, filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konjugi Carbonaro u l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konjugi Parlato Trigona, tiddikjara illi l-azzjoni kif proposta hija inammissibbli,

konsegwentement tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti u tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb